

## Paġna ewlenija>Drittijietek>Drittijiet fundamentali>L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta

### L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta

Din it-taqsimha tiddekrivi l-inizjattivi meħuda mill-Istati Membri biex jippromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE f'pajjiżhom.

L-għan ta' din it-taqsimha huwa li tipprovdi l-informazzjoni li għejja:

eżempji ta' inizjattivi tal-gvern għal kull Stat Membru li jippromwvu b'mod attiv l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

eżempji ta' kif l-Istati Membri jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom tal-Karta u kif jikkooperaw ma' atturi differenti bħalma huma l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Korpi tal-Ugwaljanza jew l-akkademja biex jiżguraw li l-Karta tiġi appllikata b'mod profiċjenti.

eżempji ta' inizjattivi mhux governattivi li jippromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta.

L-aħħar aġġornament: 17/02/2021

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

### L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Ġermanja

Politiki tal-Gvern li jippromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

#### Fil-livell nazzjonali:

**Il-Manwal għall-Abbozzar tal-Leġiżlazzjoni** (Handbuch der Rechtsförmlichkeit) ippublikat mill-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur (Bundesministerium der Justiz und für Verbraucherschutz), li fih rakkomandazzjonijiet dwar il-forma u l-abbozzar ta' liġijiet u strumenti statutorji proposti mill-ministeri federali, jiddikjara li l-abbozzi ta' liġi maħsuba biex iġibu l-liġi federali konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea jridu jkunu kompatibbli mal-Karta. Dan irid jiġi spjegat fil-memorandum ta' spjegazzjoni fejn jeżistu links bħal dawn.

[http://www.bmjv.de/DE/Themen/Rechtssetzung/Buerokratieabbau/HDR/HDR\\_node.html](http://www.bmjv.de/DE/Themen/Rechtssetzung/Buerokratieabbau/HDR/HDR_node.html)

**Il-“Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra r-Razziżmu– Pożizzjonijiet u Miżuri biex jiġu Indirizzati l-Ideoloġiji tal-Inugwaljanza u d-Diskriminazzjoni Relatata” (2017)** isemmi b'mod espliċitu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fil-kuntest tal-bażi u l-qafas legali (p. 12 tat-traduzzjoni Ingliża). Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għandu jkompli jitqies bħala qafas stabbilit mill-Gvern Federali li se jibqa' s-suġġett ta' skambji mas-soċjetà ċivili fil-futur.

<http://www.bundesregierung.de/breg-de/suche/nationaler-aktionsplan-gegen-rassismus-1145356>

**L-Akkademja Ġudizzjarja Ġermaniża** (Deutsche Richterakademie) (<http://www.deutsche-richterakademie.de/>) toffri seminars u konferenzi dwar l-applikazzjoni tal-Karta.

*Pereżempju, l-avveniment tal-Akkademja Ġudizzjarja Ġermaniża “Introduzzjoni għad-dritt Ewropew”, li huwa maħsub għall-imħallfin u l-prosekuturi pubbliċi, jitratta l-prinċipji bażiċi tad-dritt tal-UE, inkluża l-Karta, u l-influwenzi tad-dritt tal-UE fuq is-sistemi legali nazzjonali.*

*Il-konferenza “Ġurisdizzjoni amministrattiva – protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-prattika ta' kuljum” offrta mill-Akkademja Ġudizzjarja Ġermaniża hija maħsuba għall-imħallfin amministrattivi u ttratta suġġetti li jinkludu d-drittijiet tal-bniedem fil-prattika ġudizzjarja ta' kuljum.*

**FI-Università Federali tax-Xjenza Amministrattiva Applikata** (Hochschule des Bundes für öffentliche Verwaltung) (<http://www.hsbund.de/>), il-Karta tittieħed inkunsiderazzjoni f'diversi programmi ta' studju.

*Il-Fergħa Dipartimentali tal-Amministrazzjoni Interna Ġenerali tinkorpora l-Karta fil-kors tad-diploma tal-“ġestjoni amministrattiva”. B'mod ġenerali, id-drittijiet fundamentali u/jew tal-bniedem ma għadhomx jiġu ttrattati fuq bażi nazzjonali biss, iżda pjuttost b'mod olistiku, filwaqt li jitqiesu l-kodifikazzjonijiet kollha tad-drittijiet fundamentali u/jew tal-bniedem applikabbli għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, jiġifieri l-Liġi Bażika (Grundgesetz), il-Karta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Il-Fergħa Dipartimentali tal-Pulizija Federali ttratta l-Karta matul il-programm ta' studju ewlieni tagħha bħala parti mill-modulu “Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fl-UE”, taħt l-intestatura “Il-Protezzjoni Ewropea tad-drittijiet fundamentali”.*

*Fil-Fergħa Dipartimentali tal-Pulizija Kriminali Federali, il-Karta hija koperta matul il-programm tal-bachelorat, fejn tiġi diskussa kemm fir-rigward tal-obbligu tal-pulizija li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem fl-azzjonijiet tagħhom kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/680.*

*Fil-Fergħa Dipartimentali tas-Servizzi tal-Intelligence, il-Karta hija koperta bħala parti mis-suġġetti “Id-dritt Ewropew u internazzjonali”, “il-liġi dwar is-servizzi tal-intelligence” u “id-dritt kostituzzjonali”.*

**L-Akkademja Federali tal-Amministrazzjoni Pubblika** (Bundesakademie für die öffentliche Verwaltung – BAKöV) ([https://www.bakoev.bund.de/DE/00\\_Home/Functions/StartseitenTeaser/Fortbildung.html](https://www.bakoev.bund.de/DE/00_Home/Functions/StartseitenTeaser/Fortbildung.html)) ttratta l-Karta matul is-seminars bażiċi tagħha dwar l-UE. Fil-passat, il-BAKöV offriet ukoll seminars dwar il-“Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE” bħala parti mis-serje “Speċjali tal-UE”.

#### Fil-livell tal-istat federali (għażla):

*L-għarfien u l-fehim tal-Karta huma promossi fil-livell tal-istat federali, b'mod partikolari fil-kuntest tat-taħriġ legali.*

*Skont it-tielet sentenza tat-Taqsima 5a(2) tal-Liġi Ġermaniża dwar l-Imħallfin (Deutsches Richtergesetz – DRiG), is-suġġetti obligatorji li għandhom jiġu koperti matul l-istudji legali huma l-oqsma ewlenin tad-dritt ċivili, tad-dritt kriminali, tad-dritt pubbliku u tad-dritt proċedurali, inklużi r-rabtiet mad-dritt Ewropew. Għalhekk, il-Karta, li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 6(1) tat-TUE, tiffirma wkoll parti mis-sillabu tal-edukazzjoni u l-eżami.*

#### Eżempju tas-Sassonia l'Isfel:

*Permezz tal-firxa wiesgħa ta' suġġetti li jagħżel għal eżamijiet bil-miktub taħt sorveljanza, b'mod partikolari għal suġġetti obligatorji, l-Uffiċċju tal-Eżami Ġudizzjarju tal-Istat tas-Sassonia l'Isfel (Landesjustizprüfungsamt) jiżgura li l-istudenti jitrattaw id-dritt Ewropew u, konsegwentement, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali matul it-taħriġ tagħhom. L-istess japplika għall-eżamijiet orali għal suġġetti obligatorji, li jkopru suġġetti bħall-protezzjoni tad-data personali skont l-Artikolu 8 tal-Karta u l-protezzjoni tal-ambjent skont l-Artikolu 37 tal-Karta.*

**FBaden-Württemberg**, id-drittijiet relatati mas-solidarjetà ggarantiti mill-Artikolu 27 et seq. tal-Karta (inklużi l-kura tas-saħħa, il-ħajja tal-familja u dik professjonali, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti) huma s-suġġett ta' diversi avvenimenti fl-oqsma tat-taħriġ tal-ġestjoni, it-taħriġ tal-kunsill tal-persunal u l-ġestjoni tas-saħħa. Konferenzi speċjalizzati li jtrattaw id-dritt sostantiv jtrattaw ukoll oqsma koperti mill-Karta. Eżempji jinkludu konferenzi dwar id-drittijiet tal-kura (l-Artikoli 25 u 26), id-drittijiet tal-familja (l-Artikoli 9 u 24) u d-dritt għall-ażil (l-Artikolu 18).

Id-drittijiet tal-ugwaljanza ggarantiti mill-Karta (in-nondiskriminazzjoni, id-diversità kulturali, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-anzjani u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità) huma indirizzati matul għadd ta' avvenimenti ta' taħriġ. Fil-livell tal-istat federali, pereżempju, tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità severa bħala parti mill-kors ta' taħriġ dwar il-ġestjoni sovrareġjonali. Fl-2021 se jiġi organizzat ukoll avveniment ta' taħriġ għar-rappreżentanti tal-membri tal-ġudikatura b'diżabilità severa.

Fil-25 ta' Mejju 2016, il-**Parlament ta' Bremen** għadda riżoluzzjoni intitolata "Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali madwar l-Ewropa" (id-Dokument Parlamentari 19/370). F'dan jenfasizza l-importanza tal-Karta u jitolb lis-Senat jindirizza l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali u Ewropew, kif ukoll fil-konfront tas-sħab Ewropej (b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġemellaġġ bejn l-ibliet), u biex jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet tiġi osservata u implimentata.

<http://www.bremische-buergerschaft.de/dokumente/wp19/land/protokoll/b19I0021.pdf>

<http://www.bremische-buergerschaft.de/dokumente/wp19/land/drucksache/D19L0370.pdf>

**Il-Belt Ħielsa u Anseatika ta' Hamburg** ilha impenjata li toħloq soċjetà ħielsa mid-diskriminazzjoni u li tiżgura parteċipazzjoni ugwali għal kulħadd, irrispettivament mill-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-orijini, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin. Hija twettaq firxa wiesgħa ta' kompiti f'dan il-kuntest, kif rifless b'mod partikolari fil-programmi u l-pjanijiet qafas tas-Senat li ġejjin:

Programm tal-istat federali ta' Hamburg – Belt b'Kuraġġ: "Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Estremiżmu tal-Lemin"

Kontinwazzjoni tal-programm qafas dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Pjan ta' azzjoni tal-istat federali ta' Hamburg li jimplementa l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'diżabilità

Pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tal-aċċettazzjoni tal-ġeneru u tad-diversità sesswali

Pjan ta' integrazzjoni ta' Hamburg

Pjan demografiku – Hamburg 2030: Akbar. Eqdem. Aktar diversa

Detezzjoni u ġlieda kontra l-antisemitiżmu. Żvilupp ta' strateġija tal-istat federali għall-ġlieda u l-prevenzjoni tal-antisemitiżmu

Kontinwazzjoni ta' azzjoni effettiva kontra s-Salażmu vjolenti u l-estremiżmu reliġjuż fil-futur

Kontinwazzjoni tal-istrateġija tas-Senat kontra d-diskriminazzjoni

**L-Istat Liberu tal-Bavarja** qed jimplementa d-dritt għan-nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta fil-qasam tal-prosekuzzjoni kriminali permezz tal-prosekuzzjoni konsistenti ta' reati razzisti, ksenofobiċi u b'xi mod ieħor degradanti. Fl-1 ta' Jannar 2017, il-ġudikatura Bavarjana stabbiliet l-Unità Ċentrali għall-Ġlieda kontra l-Estremiżmu u l-Terroriżmu (Zentralstelle zur Bekämpfung von Extremismus und Terratismus) fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali ta' Munich. Din hija awtorità investigattiva li taġixxi kemm bħala korp ta' koordinazzjoni kif ukoll bħala punt ta' kuntatt intern u estern. Biex tiżdied il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda online, fl-1 ta' Jannar 2020 ġew stabbiliti dipartimenti speċjali għad-diskors ta' mibegħda fl-uffiċċji kollha tal-prosekuturi pubbliċi u nħatar kummissarju għad-diskors ta' mibegħda għall-ġudikatura Bavarjana. Il-ġudikatura Bavarjana żviluppat ukoll, b'mod partikolari, pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi, bħall-ġlieda kontra r-reati b'motivazzjonijiet antisemitiki u estremisti tal-lemin.

Barra minn hekk, il-ġudikatura Bavarjana hija involuta b'mod attiv fil-proġett "Naħdmu mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fil-livell deċentralizzat – materjal ta' taħriġ u seminars legali għall-prosekuturi, l-imħallfin tal-investigazzjoni u l-avukati tad-difiża". Dan il-proġett tal-**Akkademja tad-dritt Ewropew** għandu l-għan li jiżviluppa, flimkien mal-esperti nazzjonali u Ewropej, sett ta' materjali ta' taħriġ dwar il-kooperazzjoni mal-UPPE u li jorganizza avvenimenti nazzjonali ta' taħriġ.

Bil-ħsieb li l-għalliema jiġu mħarrġa fl-iskejjel tal-Istat f'**Rhineland-Palatinate**, l-istudenti għalliema li jsegwu, b'mod partikolari, il-programm ta' ċertifikazzjoni tad-taħriġ tad-drittijiet tal-bniedem fl-Università ta' Koblenz-Landau jitrattaw ukoll kwistjonijiet tad-dritt Ewropew u, konsekwentement, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

<https://www.uni-koblenz-landau.de/de/landau/fb6/mrb/zertifikat/Moduluebersicht>

**Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftiehem aħjar**

għall-prattikanti (il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-ġuristi)

għaċ-ċittadini

Fl-2019, l-**Aġenzja Federali kontra d-Diskriminazzjoni** (Antidiskriminierungsstelle des Bundes) ippubblikat rapport legali biex tiċċara u twessa' l-karatteristiċi msemmija fl-Att Ġenerali dwar it-Trattament Ugwali (Gleichbehandlungsgesetz), li jieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet mogħtija mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea:

[http://www.antidiskriminierungsstelle.de/SharedDocs/Downloads/DE/publikationen/Expertisen/rechtsexpertise\\_merkmalserweiterung\\_im\\_agg.html](http://www.antidiskriminierungsstelle.de/SharedDocs/Downloads/DE/publikationen/Expertisen/rechtsexpertise_merkmalserweiterung_im_agg.html)

**Fil-livell tal-istat federali (għażla):**

**Baden-Württemberg**

F'Luġju 2020, ġie organizzat avveniment dwar "l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" f'Karlsruhe mill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ewropa tal-Istat federali (Ministerium der Justiz und für Europa) biex jimmarka l-bidu tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE. L-avveniment kien maħsub mhux biss għal madwar ħamsin mistieden mill-oqsma tal-ġustizzja, tal-politika u tal-liġi, iżda kien miftuħ ukoll għal udjenza usa' permezz ta' live stream.

Fis-sajf tal-2017, il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ewropa żviluppa programm li jipprovi lir-refuġjati b'informazzjoni dwar l-istat tad-dritt. Dan għandu l-għan li jattrezzahom, b'mod aċċessibbli, b'għarfien bażiku tal-istruttura kostituzzjonali liberali-demokratika tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Il-valuri fundamentali kkomunikati matul it-tagħlimiet, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-libertà tar-reliġjon u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, huma ggarantiti wkoll mill-Karta.

Bil-proġett tiegħu "Stat tad-dritt fil-klassi", il-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Istat federali, f'kooperazzjoni mal-Ministeru għall-Intern tiegħu (Innenministerium), qed joffri logħba ta' simulazzjoni lill-iskejjel sekondarji kollha fil-istat federali. L-għan huwa li l-istudenti jsiru familjari mar-rwoli u mal-funzjonijiet tal-ġudikatura u mal-prinċipji fundamentali tal-istat tad-dritt, inkluża l-garanzija tad-drittijiet fundamentali.

[http://www.justiz-bw.de/L.de/Startseite/Service/Projekt\\_+Rechtsstaat+macht+Schule](http://www.justiz-bw.de/L.de/Startseite/Service/Projekt_+Rechtsstaat+macht+Schule)

**Stat Liberu tal-Bavarja**

Fil-bidu tal-2016, il-ġudikatura Bavarjana nediet "tagħlim legali għar-refuġjati u għal dawk li jfittxu l-ażil", li huwa pprovdut mill-imħallfin u mill-prosekuturi pubbliċi, kif ukoll mill-uffiċjali ġudizzjarji u mill-uffiċjali tal-probation. L-għan huwa li jiġu kkomunikati r-regoli fundamentali u l-valuri komuni tal-ħajja komunitarja u l-ordinament ġuridiku fil-Ġermanja u fl-Ewropa lil persuni bi prospettu tajbin li jibqgħu fil-Ġermanja. Dawn il-valuri jinkludu, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fil-Karta, kif ukoll dawk minquxa fil-Liġi Bażika, l-istat tad-dritt, eċċ. Din it-tagħlim legali huwa disponibbli wkoll għall-klassijiet kollha ta' integrazzjoni vokazzjonali (klassijiet offruti lir-refuġjati u lil dawk li jfittxu l-ażil li ma jikkommu bil-Ġermaniż flivell suffiċjenti) fl-iskejjel vokazzjonali Bavarjani. Biex jikkomplimenta s-sessjonijiet ta' tagħlim, il-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Istat Bavarjan (Staatsministerium der Justiz) jippubblika materjali edukattivi li jwasslu wkoll il-valuri stabbiliti fil-Karta.

<http://www.km.bayern.de/ministerium/meldung/6078/rechtsbildungsunterricht-vermittelt-rechtsordnung-in-deutschland.html>

**Belt Anseatika Ħielsa ta' Bremen**

F'dawn l-aħħar snin, Europapunkt Bremen (EPB) (<http://www.europapunktbremen.de>), il-punt ta' informazzjoni dwar l-UE tal-belt, organizza diversi avvenimenti relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-Karta u s-suġġetti assoċjati jiffurmaw parti integrali mill-ħidma ta' sensibilizzazzjoni bbażata fuq il-grupp tal-EPB ma' diversi gruppi fil-mira (fal tal-iskola, studenti u adulti).

Fl-2017 u l-2019, ġew organizzati żewġ avvenimenti ewlenin taż-żgħirażgħ mid-Dipartiment tal-Ewropa ta' Bremen, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, fil-forma ta' "BarCamps" bit-titolu "il-mistoqsija tiegħek lill-Ewropa". Id-drittijiet fundamentali tal-UE ġew koperti b'mod intensiv matul dawn l-avvenimenti ta' ġurnata sħiħa.

**L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

Fil-livell Ewropew, **I-Akkademja tad-dritt Ewropew** (<http://www.era.int/>) toffri taħriġ għall-imħallfin u għal membri oħra tal-ġudikatura.

L-avveniment regolari tal-Akkademja tad-dritt Ewropew "l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea" jipprovdi lill-parteċipanti bl-għarfien tal-kamp ta' applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-implimentazzjoni Prattika tagħha fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal proċess imparzjali.

Fafna membri tal-ġudikatura nazzjonali u tal-istat federali jipparteċipaw fil-programmi ta' taħriġ u ta' skambju offruti **min-Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju** (<http://www.ejtn.eu/>).

In-Network Ġermaniż tal-NGOs kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (Bundesweite Koordinierungskreis gegen Menschenhandel e.V. – KOK) (<http://www.kok-gegen-menschenhandel.de/>) jippreżenta u janalizza l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, Ewropea u internazzjonali u l-ġurisprudenza fuq bażi kontinwa fis-sit web tiegħu, f'diversi bullettini u f'bażi tad-data tal-ġurisprudenza. F'dawn l-analiżijiet, il-Karta u l-ġurisprudenza tal-QĠE relatati mal-Karta jittieħdu inkunsiderazzjoni u jiġu applikati regolarment. L-informazzjoni pprovduta mill-KOK hija maħsuba għal avukati u konsulenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi tal-traffikar tal-bnedmin u għall-membri interessati tal-pubbliku.

**Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**

**Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

L-Istitut Ġermaniż għad-Drittijiet tal-Bniedem (Deutsches Institut für Menschenrechte) (<https://www.institut-fuer-menschenrechte.de/>) jagħti pariri lill-atturi u lill-istituzzjonijiet politiċi fil-qasam tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u huwa impenjat li jkompli jintegra l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-leġiżlazzjoni tal-iskejjel, fil-kurrikuli u fil-pjanijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jinkludi wkoll il-Karta.

Il-proġett "Mobilità Ġusta" (<https://www.faire-mobilitaet.de/>) tal-Konfederazzjoni Ġermaniża tat-Trade Unions (Deutscher Gewerkschaftsbund), iffinanzjat mill-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (Bundesministerium für Arbeit und Soziales), jinforma u jagħti pariri lill-ħaddiema staġunali u lil ħaddiema mobbli oħra minn Stati Membri oħra tal-UE dwar kwistjonijiet tal-liġi tax-xogħol u dik soċjali. Il-konsulenti, li jikkollmu mill-inqas lingwa waħda tal-Ewropa tal-Lvant flimkien mal-Ġermaniż, issa jaħdmu fi 11-il ċentru konsultattiv. Il-kontinwazzjoni ta' dan il-proġett ġiet inkorporata fil-liġi li timplimenta d-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Lulju 2020. Mill-1 ta' Jannar 2021, il-proġett "Mobilità Ġusta" twestaq abbażi ta' intitolament statutorju u ġiet estiża b'mod sinifikanti. Dan se jappoġġa wkoll l-applikazzjoni Prattika tad-drittijiet fundamentali skont il-Kapitolu IV "Solidarjetà" tal-Karta.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ewropa ta' Baden-Württemberg jorganizza avvenimenti regolari ma' atturi tal-UE bħall-Europa Union (<http://www.europa-union.de>), il-Moviment Ewropew (<http://www.netzwerk-ebd.de>), Europe Direct ([http://www.ec.europa.eu/germany/services/contact-points\\_de](http://www.ec.europa.eu/germany/services/contact-points_de)) u l-IB (Internationaler Bund) (<http://www.internationaler-bund.de>).

**Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-akkademja li jikkontribwixxu għal għarfien u użu aħjar tal-Karta**

Matul il-Presidenza tagħha tal-Kunsill tal-UE fit-tieni nofs tal-2020, il-Ġermanja ppromwoviet il-protezzjoni tal-libertà tax-xjenza u tar-riċerka fil-kooperazzjoni internazzjonali. L-impenn kontinwu għad-dritt fundamentali tal-libertà xjentifika (l-Artikolu 13 tal-Karta) għe minqas fil-Komunikazzjoni Ministerjali adottata fil-Konferenza taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla fid-19 ta' Novembru 2020 u fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika tal-20 ta' Ottubru 2020. Id-Dikjarazzjoni ta' Bonn ([http://www.bmbf.de/files/Bonner\\_Erklaerung\\_DEU.pdf](http://www.bmbf.de/files/Bonner_Erklaerung_DEU.pdf)) ġiet iffirmata minn kważi l-Istati Membri kollha tal-UE, mill-Kummissjoni Ewropea u minn pajjiżi sħab oħra barra mill-Unjoni.

Id-dikjarazzjoni ssaħħa il-valuri kondiviżi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Il-gvernijiet firmatarji jilqgħu l-istabbiliment ta' monitoraġġ kontinwu tal-istat tal-libertà tar-riċerka fil-pajjiżi tagħhom u "jikkundannaw b'mod qawwi kull ksur tal-libertà tar-riċerka xjentifika u se jopponuh bis-sħiħ".

L-Alleanza għal-Libertà Xjentifika (Allianz der Wissenschaftsfreiheit) (<http://www.wissenschaftsfreiheit.de/ueber-uns/>), li tlaqqa' flimkien l-aktar organizzazzjonijiet xjentifiċi u ta' riċerka importanti fil-Ġermanja, hija impenjata lejn il-libertà tar-riċerka madwar id-dinja u tappoġġa d-Dikjarazzjoni ta' Bonn.

**Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

L-Istitut Ġermaniż għad-Drittijiet tal-Bniedem (Deutsches Institut für Menschenrechte) (<https://www.institut-fuer-menschenrechte.de/>) għandu rabtiet ma' assoċjazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u fora ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dawn jinkludu l-Forum dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Forum Menschenrechte), organizzazzjonijiet nongovernattivi individwali, universitajiet u istituzzjonijiet nazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem.

Bħala parti mill-proġett tal-arti "Galley proof" ("Korrekturfahren") (<http://www.korrekturfahren.mozello.eu/>), żewġ artisti, Sylvia Winkler u Stephan Köperl, stiednu lill-popolazzjoni tiddiskuti l-artikoli differenti tal-Karta u "ttejjibhom" bil-formulazzjoni tagħhom stess. Għal dan il-għan, il-Preambolu u l-54 artikolu ġew stampati fuq għadd ta' banners kbar u ġew ippreżentati f'wirja fi Stuttgart u Stendal għal diversi jiem. Ir-riżultati tal-kampanja tal-arti ġew ippreżentati f'konferenza li saret fi Brussell f'Novembru 2019 fl-10 anniversarju tad-dħul fis-seħħ tal-Karta.

Barra minn hekk, għadd ta' istituzzjonijiet edukattivi rikonoxxuti fil-qasam tal-edukazzjoni ċivika qed jindirizzaw il-kontenut tal-Karta fil-ħidma tagħhom, inkluża l-Aġenzija Federali għall-Edukazzjoni Ċivika (Bundeszentrale für politische Bildung) (<http://www.bpb.de/>).

L-aħħar aġġornament: 24/02/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**L-aħjar Prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Greċja**

Politiki tal-Gvern li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiffirma parti integrali mill-ordinament ġuridiku Grieg, li l-imħallfin Griegi jikkunsidraw ukoll fuq l-inizjattiva tagħhom stess, u kwistjoni tal-ksur tagħha tista' titqajjem quddiem il-Kunsill tal-Istat (*Symvoúlio tis Epikrateías*) u l-Qorti Suprema tal-Greċja (*Áρειος Πεςγος*). L-uffiċjali pubbliċi kollha, u b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-Pulizija bħala l-aġenti tal-infurzar tal-liġi, huma wkoll taħt l-obbligu li japplikaw fedelment id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, kriminali u proċedurali li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-bniedem.

Il-Greċja tikkooopera mill-qrib mal-korpi ta' kontroll ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u tagħmel dak kollu li tista' biex tigarantixxi d-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, hija twestaq fuq bażi regolari inizjattivi istituzzjonali sabiex tagħmilha ċara li l-kriterji u l-impenni li jirriżultaw mill-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet, bħall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jiġu osservati. Eżempju tipiku huwa l-Liġi 4443/2016 dwar l-iżgurar tat-



trattament ugwali tal-individwi irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika, li tirreferi dirett għar-rewkwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u b'mod partikolari għall-Artikolu 21 tagħha.

### **Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftehemu aħjar**

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti Suprema (*Eisangelia Areioi Pistgou*) jibgħat, fil-kuntest tal-kooperazzjoni tiegħu mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), lill-uffiċċji kollha tal-prosekutur pubbliku f'qorti tal-appell (*Eisangelies Efeton*) u lill-uffiċċji tal-prosekutur pubbliku f'qorti tal-prim'istanza (*Eisangelies Protodikon*) fil-Greċja manwali bil-miktub, fejn disponibbli, tal-Aġenzija u jipprovdi permezz tal-posta elettronika, wara notifika rilevanti tal-Aġenzija minn espert Grieg, il-links tal-Aġenzija li jagħtu aċċess għall-manwali tagħha li ġew ippubblikati dan l-aħħar relatati mal-konfinament kriminali u miżuri alternattivi, mal-vittmi ta' reati vjolenti, mal-minorenni, mal-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli u l-minoranzi, eċċ. Barra minn hekk, ir-rapport annwali tal-Aġenzija jintbagħat permezz tal-posta elettronika lill-uffiċċji kollha tal-prosekutur pubbliku tal-Greċja f'qorti tal-appell u fl-uffiċċji ta' prosekutur pubbliku f'qorti tal-prim'istanza.

Barra minn hekk, b'kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku fil-Qorti Suprema (bħala sieħeb) u n-Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), il-prosekuturi pubbliċi tal-Greċja jistgħu jieħdu sehem fi żjarat ta' studju f'istituzzjonijiet tal-UE bħall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), eċċ.

Fl-aħħar nett, ordnijiet ċirkolari mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti Suprema li jinħarġu fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u li huma indirizzati lill-uffiċċji tal-prosekutur pubbliku f'qorti tal-appell u lill-uffiċċji tal-prosekutur pubbliku f'qorti tal-prim'istanza tal-Greċja, jiġu ppubblikati fis-sit web tal-[Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti Suprema](#) bil-għan li jiġu pprovduti linji gwida ġenerali għall-prevenzjoni ta' ksur relatat tal-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB).

Il-Pulizija Ellenika toħroġ, minn żmien għal żmien, ordnijiet, manwali u linji gwida aktar speċifiċi għall-persunal tagħha, dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għalihom.

B'mod partikolari, skont l-Ordni Ċirkolari Nru 7100/25/14-5 ta' 8 ta' Novembru 2014 maħruġa mill-kap tal-Pulizija Ellenika, intitolata "L-indirizzar tar-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni waqt ix-xogħol tal-pulizija", l-Istat u speċifikament id-diversi korpi tiegħu huma taħt l-obbligu li ma joffendux, fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat, id-dinjità tal-bniedem b'mod ġenerali, irrispettivament minn kwalunkwe karatteristika distintiva li persuna jista' jkollha, u li jieħdu miżuri attivi sabiex jipprevjenu tali reat.

Fl-istess ħin, id-Digriet Presidenzjali 254/2004 dwar il-kodiċi ta' kondotta tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jstabilixxi mhux biss l-obbligu ġenerali li tiġi osservata d-dinjità tal-bniedem u li jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem iżda wkoll dispożizzjonijiet aktar speċifiċi dwar il-kondotta tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi waqt ix-xogħol tal-pulizija, dejjem mill-perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-persunal tal-Pulizija Ellenika ġie pprovdut, minn żmien għal żmien, b'manwali bħal: "Gwida ta' kondotta tajba tal-Pulizija Ellenika lejn gruppi soċjali reliġjużi u vulnerabbli", "Id-diskors ta' mibegħda: ir-rotot tar-razziżmu fid-diskors pubbliku", sponsorjat mill-Ministeru għall-Ġustizzja (*Ypourgeio Dikaiosynis*) bl-apoġġ tal-Kunsill tal-Ewropa, "Sorveljanza tal-pulizija għal reati ta' mibegħda kontra persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI)" tal-Kunsill tal-Ewropa, "Approċċ tal-Amministrazzjoni Pubblika fil-konfront tal-kriminalità razzista" tal-Kunsill nazzjonali kontra r-Razziżmu u l-intolleranza, u l-"Manwal tat-Taħriġ Interkulturali" taċ-Ċentru għall-Istudji dwar is-Sigurtà.

F'dan ir-rigward, innota li d-dipartimenti u l-uffiċċji huma involuti fil-ġlieda kontra l-vjolenza razzista bil-għan li jiġġieldu b'mod effettiv il-vjolenza li tidher li għandha motivazzjoni jew sfond razzista u li għandha fil-mira tagħha individwi speċifiċi jew gruppi speċifiċi ta' individwi. Barra minn hekk, ġew stabbiliti servizzi li jindirizzaw il-vjolenza domestika fil-Greċja kollha bil-għan li jirrispondu b'mod effettiv għal inċidenti ta' vjolenza domestika u li jipproteġu lill-vittmi.

Fir-rigward tat-taħriġ tal-persunal tal-pulizija fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, innota li l-kurrikulu tal-Iskejjeġ għall-Uffiċjali u l-Pulizija tal-Pulizija Ellenika jinkludi, fil-livell bażiku, il-modulu "id-drittijiet tal-bniedem" bħala suġġett indipendenti (b'mod indikattiv, il-kurrikulu jinkludi dan li ġej: il-protezzjoni internazzjonali tad-drittijiet fundamentali; il-protezzjoni tad-drittijiet fl-UE; il-korpi u r-riċevituri tad-drittijiet fundamentali; ir-razziżmu – il-ksenofobija; il-libertà u s-sigurtà personali; il-protezzjoni tat-tfal, tan-nisa u tar-relazzjonijiet ta' impjeg; il-projbizzjoni tat-tortura; il-minoranzi, eċċ.). Fir-rigward tat-taħriġ mill-ġdid vokazzjonali, il-persunal tal-Pulizija Ellenika jipparteċipa regolarment, kemm fil-Greċja kif ukoll barra mill-pajjiż, f'taħriġ u f'seminars speċjali dwar il-qafas leġiżlattiv previst għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (eż. l-identifikazzjoni ta' motivi għal vjolenza razzista; id-drittijiet tal-bniedem u l-etika tal-pulizija; id-drittijiet fundamentali u l-aproċċ tal-pulizija; l-aproċċ u l-ġestjoni ta' gruppi soċjali vulnerabbli; l-indirizzar tal-vjolenza domestika u l-protezzjoni tal-vittmi, eċċ.).

Minbarra dan ta' hawn fuq, il-Pulizija Ellenika tikkoopera ma' korpi u awtoritajiet oħra li għandhom l-għan li jiżguraw ir-rispett u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem waqt ix-xogħol tal-pulizija [bħall-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) tal-Kunsill tal-Ewropa, Il-Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Detenzjoni Arbitrarja, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Mekkaniżmu Nazzjonali għall-Investigazzjoni ta' Inċidenti Arbitrarji tal-Ombudsman Grieg (*Synigoros tou Politis*), is-Segretarjat Ġenerali għall-Politika tal-Familja u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, il-Kummissjoni Nazzjonali Griega għad-Drittijiet tal-Bniedem (*Ethniki Epitropi gia ta Dikaiomata tou Anthropou*), kif ukoll l-NGOs – The Smile of the Child, in-Network Ewropew ta' Kontra l-Vjolenza, li kollha joperaw fil-kuntest tal-ġestjoni ta' inċidenti ta' vjolenza domestika, eċċ.].

Bħala parti mill-istrateġija l-ġdida tal-Karta, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri, *inter alia*, biex jaħtru punt fokali għall-Karta sabiex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni. Filwaqt li aċċetta s-sejħa tal-Kummissjoni, il-Ministeru għall-Ġustizzja ħatar, fi ħdan il-Ministeru, punt fokali għat-tisħiħ tal-involvement u l-kontribut tal-Ministeru għall-implimentazzjoni tal-Karta minn korpi domestiċi. Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Għoti ta' Klemenza tal-Ministeru għall-Ġustizzja huwa nominat bħala l-punt fokali. L-inizjattiva hija bbażata fuq il-kooperazzjoni bejn il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (it-Taqsima tad-dritt tal-Unjoni Ewropea tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin), filwaqt li l-punt fokali għandu l-għan, minn naħa, li jiffaċilita l-fluss ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki rigward il-Karta u, min-naħa l-oħra, biex jiġu kkoordinati l-isforzi fl-iżvilupp ta' inizjattivi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta fil-Greċja. Il-Greċja rċeviet tiffir għal din l-inizjattiva matul konferenza bil-vidjo tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP) u l-Istati Membri l-oħra ġew imħeġġa wkoll jadottaw din il-prattika.

Barra minn hekk, intbagħtet ittra lid-Direttur Ġenerali tal-Iskola Nazzjonali tal-Imħallfin, li fiha ntalab li kors dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif ukoll seminars dwar l-implimentazzjoni Prattika tagħha, jiġu inklużi fil-kurrikulu tas-sena akkademika 2021/2022. Fit-tweġiba tiegħu, id-Direttur irrikonoxxa li l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE bil-għan li jissaħnu l-kredibbiltà u r-rwol internazzjonali tal-Greċja hija inizjattiva eċċellenti tal-Ministeru għall-Ġustizzja u enfasizza l-assistenza tal-Iskola Nazzjonali tal-Imħallfin f'dik l-inizjattiva. Skont l-informazzjoni li waslet, diġà ġie inkluż kors dwar il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dwar il-Karta fil-kurrikulu ta' qabel id-dħul tad-dipartimenti kollha tal-Iskola. Barra minn hekk, ġew skedati seminars dwar it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li huma indirizzati lill-imħallfin u lill-prosekuturi pubbliċi fil-kariga, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, għas-sena 2021/2022.

Fl-aħħar nett, ġie stabbilit grupp ta' ħidma dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE b'rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Uffiċċju tal-Viċi Ministru G. Kotsiras, l-Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Ministeru għall-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali għall-Affarijiet Legali u Parlamentari u t-Taqsima tad-dritt tal-Unjoni Ewropea tad-Dipartiment Legali Speċjali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Peress li l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tal-UE tad-drittijiet fundamentali abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni kif riflessi fl-istrateġija l-ġdida tagħha hija prijorità ewlenija għall-Greċja, qed jiġu kkunsidrati aktar inizjattivi biex jintlaħaq dan l-objettiv. Pereżempju: l-istabbiliment ta' mekkaniżmu li

jappoġġa l-punt fokali bl-involvement ta' rappreżentanti minn diversi ministeri; is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien fost il-membri tal-professjonijiet legali dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Karta, permezz ta' seminars u lectures mogħtija minn prattikanti legali speċjali kemm Griegi kif ukoll barranin u mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE); monitoraġġ kostanti tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fir-rigward tal-iżviluppi fil-ġurisprudenza tal-firxa domestika tagħhom; kooperazzjoni kontinwa ma' korpi domestiċi oħra tad-drittijiet tal-bniedem; aktar enfasi fuq l-issupplimentar tal-analiżi tal-impatt regolatorju fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-Karta tad-drittijiet fundamentali, wara konsultazzjoni mal-ministeru li qed ifittex l-infurzar.

#### L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE

Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jippromwvov u l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

#### Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien u użu aħjar tal-Karta

📄 [Ministeru għall-Ġustizzja](#)

📄 [Segretarjat Ġenerali għall-Politika tal-Familja u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri](#) – 📄 [Ċentri ta' konsulenza għan-nisa li jbatu mill-vjolenza](#)

📄 [L-Ombudsman Grieg](#)

📄 [Ċentru tar-Riċerka għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri \(Kényro Erevnón gia Thémata Isótitas– KETHI\)](#)

📄 [Ċentru nazzjonali għas-Solidarjetà Soċjali \(Ethnikó Kéntró Koinonikís Allilengýis – EKKA\)](#)

📄 [Kunsill Grieg għar-Refuġjati \(Ellinikó Symvoúlio gia tous Prósfyges\)](#)

📄 [Greek Helsinki Monitor \(Ellinikó Paratitirío ton Symfonión tou Elsínki\)](#)

📄 [Amnesty International – it-Taqsima Griega \(Diethnis Amnistía – Ellinikó Tmíma\)](#)

#### Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-akkademja li jikkontribwixxu għal għarfien u użu aħjar tal-Karta

#### Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jippromwvov u l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek

L-📄 [Awtorità Ellenika għall-Protezzjoni tad-Data \(Archí Prostatías Dadomanénon Prosopikou Charaktíra\)](#) taġixxi fil-qafas leġislativ speċifiku għall-protezzjoni tad-data. F'dan il-kuntest, u b'mod partikolari meta toħroġ opinjonijiet u teżamina każijiet, l-Awtorità prinċipalment tinvoka u tagħmel referenza għad-dritt tal-Artikolu 8 dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE kif ukoll għad-dritt relatat tal-Artikolu 7 tagħha dwar ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja.

Barra minn hekk, l-Awtorità żżomm kooperazzjoni fit-tul mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, jiġifieri l-korp tal-UE li huwa primarjament responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Din il-kooperazzjoni tikkonsisti f'assistenza permezz tal-ġhoti ta' kummenti dwar, u permezz ta' traduzzjoni ta', manwal rilevanti, maħruġ mill-Aġenzija, dwar il-protezzjoni tad-data personali u, ukoll, f'kontribuzzjonijiet perjodiċi għall-kontenut tar-rapporti trimestrali/ta' kull xahar abbozzati mill-Aġenzija permezz tal-Link Nazzjonali tal-Greċja (Direttorat għall-Ħidma Leġislattiva, ir-Relazzjonijiet Legali Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali tal-Ministeru għall-Ġustizzja), kif ukoll fil-monitoraġġ ta' dawn ir-rapporti.

Fl-aħħar nett, l-Awtorità tisfrutta b'mod regolari għodod li ġew żviluppata mill-Aġenzija msemmija hawn fuq, bħal skeda informattiva ta' informazzjoni (il-prodott ta' kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Superviżjoni tal-Eurodac – bl-involvement tal-Awtorità Ellenika għall-Protezzjoni tad-Data) għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal kwistjonijiet relatati mal-ażil, li bħalissa qed jiġu tradotti mill-awtorità Griega sabiex jiġu ppubblikati fuq is-sit web tagħha u jintbagħtu lill-awtoritajiet imsemmija hawn fuq.

L-aħħar aġġornament: 25/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fil-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew deċiżjoni li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Spanja

Politiki tal-Gvern li jippromwvov u l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġislatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

Fi ħdan l-eżekuttiv u l-amministrazzjoni, l-għarfien dwar il-Karta u l-użu tagħha ma humiex indaqs kullimkien.

Kull meta l-gvern jafferma l-impenn tiegħu favur id-drittijiet tal-bniedem, isemmi l-importanza tal-Karta. Bħal f'📄 [Jum id-Drittijiet tal-Bniedem](#), l-10 ta' Diċembru.

L-użu tal-Karta mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, tal-Unjoni Ewropea u tal-Kooperazzjoni jispikka għal raġunijiet ovvj.

Is-📄 [sit web](#) tal-Ministeru jafferma l-impenn ta' Spanja favur il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jindika li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tagħmel parti mill-ordinament ġuridiku domestiku ta' Spanja u tikkomplementa l-"lista ta' drittijiet u ta' libertajiet tal-Kostituzzjoni ta' Spanja".

Il-Ministeru għall-Intern huwa midħla sew tal-Karta fir-rigward tar-reati ta' mibegħda (Il-Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda [*Plan de Acción para combatir los delitos motivados por el odio*] (2019)), tal-ażil (l-Uffiċċju tal-Ażil u tar-Refuġjati [*Oficina de Asilo y Refugio*] u s-Sottodirettorat-Ġenerali għall-Protezzjoni Internazzjonali [*Subdirección General de Protección Internacional*]) u tal-protezzjoni tad-data (iċ-Ċentru tal-Intelligence għall-ġlieda kontra t-Terroriżmu u l-Kriminalità Organizzata [*Centro de Inteligencia contra el Terrorismo y la Delincuencia Organizada*]).

Fl-2014, ġiet adottata l-Ordni Nru 16/2014 tas-Segretarjat għas-Sigurtà, li approvat il-"Protokoll ta' Azzjoni għall-Forzi tas-Sigurtà dwar ir-reati ta' mibegħda u mġiba li tikser ir-regolamenti legali dwar id-diskriminazzjoni" ("*Protocolo de actuación de las fuerzas y cuerpos de seguridad en materia de 'delitos motivados por el odio' y conductas que vulneran las normas jurídicas sobre discriminación*"). Din l-Ordni ġiet emendata s-sena ta' wara bl-Ordni Nru 16/2015, bħala riżultat ta' diversi riformi leġislattivi. Il-protokoll imsemmi hawn fuq ġie ċċitat b'mod speċifiku fil-kompendju tal-aħjar prattiki minn madwar l-Unjoni Ewropea dwar kif għandhom jiġu miġġielda r-reati ta' mibegħda. Il-kompendju ppubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). Fih miżuri u azzjonijiet żviluppata mill-Istati Membri tal-UE għall-ġlieda kontra r-"reati ta' mibegħda" u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kienet waħda mill-ħafna regolamenti li applika, għad li ma ssemmiex b'mod prominenti: 📄 [It-test tal-Protokoll](#).

L-istess Segretarjat tal-Istat għas-Sigurtà tal-Ministeru għall-Intern approva "Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda" ("*Plan de Acción para combatir los delitos motivados por el odio*") li fil-kuntest tiegħu l-Pulizija Nazzjonali tiegħu sehem fi programmi ta' taħriġ u fi skambji tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA): 📄 [It-test tal-Pjan ta' Azzjoni](#).

Il-Ministeru tal-Ġustizzja għandu kompetenza fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u jagħti attenzjoni partikolari lill-Karta meta jfassal abbozzi ta' liġijiet, kemm fil-memorandum ta' spjegazzjoni kif ukoll fit-tejjija tar-Rapporti ta' Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mat-traspożizzjoni tad-direttivi Ewropej, mal-adattament tal-ordinament ġuridiku ta' Spanja għad-dritt Ewropew jew mal-konformità ma' trattati jew ma' konvenzjonijiet internazzjonali ffirmati minn Spanja f'dawn l-oqsma.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-📄 [Uffiċċju tal-Koordinazzjoni u tal-Kwalità Regulatorji \(Oficina de Coordinación y Calidad Reglulatoria\)](#) (fi ħdan il-Ministeru tal-Presidenza, tar-Relazzjonijiet mal-Qrati Ġenerali ta' Spanja u tal-Memorja Demokratika [*Ministerio de la Presidencia, Relaciones con las Cortes y Memoria Democrática*]), maħluq fl-2017 bl-objettiv li jiżgura l-koordinazzjoni u l-kwalità tal-attività regulatorja mwettqa mill-gvern. Bħala parti minn dan il-kompitu ġenerali, jeħtieġu jeżamina "l-konsistenza tal-inizjattiva regulatorja mal-bqija tal-ordinament ġuridiku, kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni Ewropea", f'

konformità mal-Artikolu 26(9) tal-Liġi 50/1997 tas-27 ta' Novembru 1997. Dan l-aħħar, l-Uffiċċju beda jeħtieġ fir-rapporti tiegħu li r-Rapporti ta' Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju janalizzaw jekk l-abbozz ta' leġiżlazzjoni jikkonformax mal-Karta. Din ma hijiex ir-raġuni għaliex huwa maħsub li l-Uffiċċju jista' jaqdi rwol importanti ħafna fil-promozzjoni tal-kunsiderazzjoni tal-Karta fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni, li jwassal għal għarfien akbar dwar l-importanza tal-Karta fil-ministeri kollha tal-Eżekuttiv.

Il-Karta hija wkoll fattur importanti meħud f'kunsiderazzjoni meta tittieħed deċiżjoni dwar jekk l-Istat Spanjol għandux jieħu sehem f'deċiżjonijiet preliminari mill-grati tal-Istati Membri l-oħrajn, wara li diġà għamel dan b'rabta mal-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew ta' kastigi inumani jew degradanti (l-Artikolu 4 tal-Karta dwar il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet, il-Kawża C-128/18 tal-15 ta' Ottubru 2019, C-220/18 PPU tal-25 ta' Lulju 2018 u C-496/16 tal-15 ta' Novembru 2017), mar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u mal-protezzjoni ta' data personali (l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, il-Kawża C-73/16 tas-27 ta' Settembru 2017), mal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u n-nondiskriminazzjoni (l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, il-Kawża C-205/15 tat-30 ta' Ġunju 2016) u mad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (l-Artikolu 47 tal-Karta, il-Kawża C-73/16 tas-27 ta' Settembru 2017).

Fid-9 ta' Mejju, Jum l-Ewropa, il-Federazzjoni Spanjola tal-Muniċipalitajiet u tal-Provinċji (*Federación Española de Municipios y Provincias*) ħarġet il-["Manifest għal Ewropa lokali u reġjonali"](#) (*Manifiesto por una Europa local y regional*), li ppropona: "Il-promozzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-istorja tal-UE fl-iskejjel fl-Istati Membri kollha u l-avvanzar tal-għarfien dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet. Huwa importanti li ninroduċu kundizzjonijiet finanzjarji u legali xierqa sabiex niżguraw li l-istudenti kollha jkollhom l-oportunità li jżuru l-istituzzjonijiet Ewropej matul il-ħajja skolastika tagħhom."

Fl-Assemblea Leġiżlattiva, id-dikjarazzjonijiet ta' spjegazzjoni tal-liġijiet kultant jirreferu għall-Karta; f'dibattiti parlamentari, il-KEDB u d-deċiżjonijiet tal-QEDB jintużaw ta' spiss bħala awtorità jew kriterju, għall-kuntrarju tal-Karta u tal-QĠUE, li ġeneralment ma jintużawx daqstant spiss; madankollu, il-Karta qed tibda tintuża dejjem aktar, għad li ċertament mhux f'sens wiesa'. L-Ewropewiżmu tal-parlamentari Spanjoli jmur lil hinn minn kull dubju, iżda jkun ta' benefiċċju li kieku jkollhom taħriġ jew għarfien aħjar li jkun aktar faċilment disponibbli u aċċessibbli, qasam fejn dejjem hemm lok għal tiġib, kif indikat hawn taħt. Il-monitoraġġ tal-ħidma tal-Kumitat Konġunt dwar l-Unjoni Ewropea (*Comité Mixto para la Unión Europea*) jżvela (il-Kummissjoni Konġunta dwar l-Unjoni Ewropea [*Comisión Mixta para la Unión Europea*]) li l-Karta ma hijiex waħda mill-aktar temi li huma l-fokus tal-ħidma tiegħu.

Il-Kummissjoni Konġunta dwar l-Unjoni Ewropea tal-Kongress tad-Deputati Spanjol (il-Kummissjoni Konġunta dwar l-Unjoni Ewropea) tista' timmonitorja b' mod regolari temi relatati mal-Karta, bħall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea, il-ġurisprudenza rilevanti, eċċ.

Fi ħdan il-ġudikatura, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali "rrikonnoxxiet ir-rwol dejjem aktar importanti tal-grati nazzjonali fl-iżgurar tal-effettività tal-Karta". L-għarfien dwar il-Karta qed jiżdied dejjem aktar fost l-imħallfin, minkejja l-fatt li l-Karta ma tidherx b' mod sinifikanti fis-sillabu tal-eżamijiet tal-Istat sabiex wieħed isir imħallef. L-istudju tal-Karta ġie introdott fis-sillabu fis-sessjoni tal-2016, fi ħdan is-suġġett li jikkorrispondi għat-Trattati dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, flimkien mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma' trattati oħrajn tan-NU u mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Kien biss fl-2020 li l-Karta saret parti mis-suġġett għad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

Ladarba l-kandidati jgħaddu mill-eżami tad-dħul għal karriera fil-ġudikatura, isiru workshops ([il-pjan ta' taġġil](#) [*el plan de enseñanza*]) fil-Kulleġġ Ġudizzjarju (marbut mal-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura) sabiex jiġi approfondit l-għarfien dwar kawżi importanti bħall-kawża Familiapress (il-Kawża C-368/95 tas-26 ta' Ġunju 1997), il-kawża Grogan (C-159/90 tal-4 ta' Ottubru 1991), il-kawża García Avello (C-148/02 tat-2 ta' Ottubru 2003) u l-kawża Küçükdeveci (C-555/07, tad-19 ta' Jannar 2010). Jiġu eżaminati f'dettall kawżi importanti oħrajn relatati mal-Karta, bħall-kawża Fransson (C-617/10 tas-26 ta' Frar 2013), il-kawża Melloni (C-399/11 tas-26 ta' Frar 2013), il-kawża magħquda Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 tal-5 ta' April 2016 u C-659/15 PPU tat-3 ta' Marzu 2016) u l-kawża magħquda N.S. u M.E. (C-411/10 tal-21 ta' Diċembru 2011 u C-493/10 tat-22 ta' Settembru 2011).

In-numru ta' korsijiet ta' taħriġ kontinwu differenti dwar id-dritt tal-Unjoni Ewropea offruti lill-imħallfin mill-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura żdied mill-2010 'l hawn, iżda ma hemm l-ebda kors iddedikat b' mod esklużiv għall-Karta; madankollu, mill-2018 'l hawn, il-Karta bdiet taqdi rwol importanti fil-korsijiet dwar id-dritt Ewropew. Barra minn hekk, huma studjati korsijiet dwar id-drittijiet fundamentali jew l-impatt tad-dritt Ewropew fuq ċerti ġurisdiżjonijiet, primarjament id-dritt amministrattiv, id-dritt soċjali u d-dritt penali wkoll.

### Għodod li jgħinu sabiex tiġi ċċarata l-Karta u meta tapplika

Qiegħed ikun hemm numru dejjem akbar ta' pubblikazzjonijiet u ta' għodod li jispjegaw f'xiex tikkonsisti l-Karta u kif għandha tiġi implimentata. Hawn taft huma pprovduti xi eżempji li jirriflettu d-diversi setgħat, livelli ta' amministrazzjoni u s-soċjetà ċivili.

Il-Qorti Kostituzzjonali fasslet ["Kompendju tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar id-Dritt tal-Unjoni Ewropea"](#) [*Prontuario de jurisprudencia del Tribunal Constitucional sobre el Derecho de la Unión Europea*], li taqsima minnu hija ddedikata għal "D) Ir-relazzjoni bejn il-Kostituzzjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea", li tindirizza temi bħal "elementi ta' interpretazzjoni kondiżiva" u "kunflitti".

L-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Katalonja (*Institut de Drets Humans de Catalunya*), flimkien mal-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura, organizza kors dwar ["Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għall-prosekuturi pubbliċi u għall-membri tal-ġudikatura"](#) [*La Carta de los Derechos Fundamentales de la UE para fiscales y miembros de la judicatura*], li ffoka fuq il-prattika legali bl-għan li jipprovi lill-prosekuturi pubbliċi u lill-membri tal-ġudikatura b'għodod li jiffaċilitaw l-użu tal-qafas legali tad-drittijiet fundamentali u, b'hekk, ixerred il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta.

L-awtorità lokali ta' Madrid ħarġet pubblikazzjoni diġitali intitolata ["L-Ewropa li rridu. 20 Karta għall-Ewropa"](#) (*La Europa que queremos. 20 Cartas para Europa*), li tinkludi t-testi Ewropej ewlenin dwar is-servizzi u d-drittijiet li, sintendi, jinkludu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-paġni 20 sa 31).

[Il-Kunsill tal-Avukatura ta' Spanja](#) (*Consejo General de la Abogacía*), korp professjonali regolat bil-liġi pubblika li jiġbor fiħ assoċjazzjonijiet tal-avukati professjonali, daħħal taqsima fuq is-sit web tiegħu li tispjega l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Fuq is-sit web tagħha, il-Federazzjoni tal-Assoċjazzjonijiet għall-Prevenzjoni tal-Moħqrija tat-Tfal (*Federación de Asociaciones para la Prevención del Abuso Infantil* – FAPMI) tipprovi spjegazzjoni dettaljata tal-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun mifhuma l-[Karta](#), fuq il-bażi ta' data bażika, ta' deskrizzjoni dettaljata u tal-oqsma tas-suġġetti tagħha.

### Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għall-promozzjoni tal-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

[L-awtorità lokali ta' Madrid](#) approvat l-inklużjoni ta' suġġett dwar l-Unjoni Ewropea fis-sillabu użat mill-iskejjel sekondarji, li jinkludi wkoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

### Eżempji ta' inizjattivi mhux governattivi li jippromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek

Il-Kumitat Spanjol tar-Rappreżentanti tal-Persuni b'Diżabilità (*Comité Español de Representantes de Personas con Discapacidad* – CERMI), pjattaforma mwaqqfa fl-1997 għar-rappreżentazzjoni, għad-difiża u għat-tehdid ta' azzjoni taċ-ċittadini Spanjoli b'diżabilità, ripetutament talab lill-awtoritajiet sabiex itejbu d-drittijiet tagħhom u [invoka l-Karta](#) għal dak l-għan f'negozjati mal-awtoritajiet nazzjonali.

L-aħħar aġġornament: 17/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew deġta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Franza

Politiki tal-Gvern li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

### 1. Ecole nationale de la magistrature (ENM, l-Iskola Nazzjonali Franċiża għall-Ġudikatura)

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali hija koperta b'mod estensiv mill-Iskola Nazzjonali għall-Ġudikatura fit-taħriġ inizjali u kontinwu għall-maġistrati Franċiżi.

#### 1.1.1. Taħriġ inizjali

Bħala parti mit-taħriġ inizjali tal-maġistrati, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali hija msemmija f'sessjonijiet tematiki li jkopru, b'mod partikolari, il-prinċipji gwida tal-proċedimenti ċivili, l-aħjar interessi tat-tfal u l-etika u d-deontoloġija għall-maġistrati (l-Artikolu 47).

Il-korsijiet immirati lejn il-promozzjoni tal-kuntatt u d-dialogu bejn il-maġistrati u l-avukati jipprovdu wkoll opportunitajiet biex jiġi diskuss l-Artikolu 48 tal-Karta. L-Iskola Nazzjonali Franċiża għall-Ġudikatura toffri wkoll kors ta' taħriġ ta' ġurnata dwar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li matulu tiġi diskussa l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-istrument u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huma ppreżentati matul l-introduzzjoni għall-kors. Sussegwentement jiġu organizzati sessjonijiet ta' ħidma. Il-maġistrati apprendisti, maqsuma fi gruppi ta' 20, huma mitluba jinvolvu ruħhom fis-suġġett permezz ta' studji ta' każijiet prattiċi.

Barra minn hekk, fl-2019, ġiet organizzata attività ta' grupp iddedikat biex jiċċelebra l-20 anniversarju tal-Karta minn meta saret legalment vinkolanti.

#### 1.1.2. Taħriġ fis-servizz

##### Korsijiet speċifiċi ta' taħriġ iddedikati għall-Karta

Mill-2019, ingħatat attenzjoni speċjali lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali biex titqajjem sensibilizzazzjoni fost il-maġistrati dwar l-użu ta' din l-għodda.

Fl-2019, minbarra kors ta' taħriġ iddedikat għall-10 anniversarju tad-dħul fis-seħħ tal-Karta, **ġie żviluppat taħriġ ad hoc speċifiku dwar il-Karta u t-trattament tagħha tat-tilwim** bi sħubija mal-Fakultà tal-Liġi tal-Università Grenoble-Alpes (Katedra Jean Monnet). Dan il-kors ta' taħriġ ta' ġurnata laħaq diversi objettivi edukattivi: Il-preżentazzjoni tal-Karta u l-kontribuzzjonijiet tagħha għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-applikazzjoni prattika tagħha fl-ordinament ġuridiku Franċiż. Minbarra approċċ teoretiku (filgħodu), kienu pplanati sessjonijiet ta' ħidma ta' każijiet prattiċi, speċifikament fi kwistjonijiet soċjali u dwar mandati ta' arrest Ewropej (waranofsinar). Din is-sessjoni kienet miftuħa wkoll għall-avukati bil-ħsieb ta' taħriġ interprofessjonali.

**Fl-2020, ġie introdott taħriġ mill-bogħod minħabba l-pandemija.** It-taħriġ huwa maqsum f'żewġ stadji: Il-parteċipanti kellhom jitgħallmu dwar il-kontenut (il-vidjos u d-dokumentazzjoni tal-kors tematiku) fuq il-pjattaforma pedagoġika tal-ENM, segwit minn klassi virtwali b'każijiet prattiċi, tweġibiet għall-kampjuni tal-mistoqsijiet u tat-testijiet, kif ukoll dibattitu fost il-parteċipanti. Dan it-taħriġ laqqa' flimkien kemm lill-maġistrati kif ukoll lill-avukati, bil-għan li tinkiseb kooperazzjoni interprofessjonali, u ħarreġ madwar 30 persuna. **Il-kors ta' taħriġ huwa maħsub biex jiġi adattat f'format wiċċ imb'wiċċ mill-2021.**

**Fl-2021, it-taħriġ dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ġie integrat fis-sessjoni ta' taħriġ "Ġurisprudenza Attwali tal-UE", li tikkostitwixxi jum ta' studju mmudellat fuq dawk mis-snin preċedenti, b'enfasi fuq it-teorija filgħodu u s-sessjonijiet ta' ħidma dwar il-każijiet prattiċi waranofsinar. Is-sessjoni saret f'format ibridu. Il-vidjos edukattivi eżistenti dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fuq il-pjattaforma "Moodle" issupplimentaw b'mod effettiv it-taħriġ.**

**Fl-2022, il-jum ta' studju "Ġurisprudenza Attwali tal-UE" se jiġi sostitwit b'konferenza organizzata mill-Università ta' Grenoble/Pariġi Sorbonne l/ENM dwar "Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: Prattika Ġudizzjarja u Amministrattiva". Il-konferenza se tkun miftuħa għall-imħallfin tal-qorti amministrattiva u tal-qorti ordinarja, għall-avukati u għall-akkademiċi.**

Il-kors fuq il-pjattaforma Moodle dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jibqa' għodda introduttorja disponibbli biex tissupplimenta t-taħriġ.

##### Taħriġ relatat mal-Karta fid-dritt Ewropew

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali qed tiġi studjata wkoll bħala parti minn erba' korsijiet fid-dritt Ewropew offruti lill-maġistrati f'taħriġ kontinwu:

**Il-ġudikatura u l-integrazzjoni Ewropea:** Dan il-kors ta' taħriġ ta' tliet ijiem huwa ddedikat speċifikament għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej u l-ġurisprudenza attwali tal-QĠUE. Tliet lectures huma ddedikati għall-Karta ("L-użu tad-dritt tal-UE fi proċedimenti kriminali", "Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea" u "Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari").

**Il-Qorti u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:** Dan il-kors ta' taħriġ jiffoka speċifikament fuq ir-relazzjoni bejn il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ikopri l-ġurisprudenza rispettiva taż-żewġ qrati, kif ukoll dawk tal-qrati supremi nazzjonali dwar il-konsistenza tal-ġurisprudenza Ewropea.

**Il-maġistrat u l-ambjent internazzjonali:** Din is-sessjoni tistħarreġ ir-rwol tal-maġistrati fid-dawl tal-iżviluppi attwali fid-dritt Ewropew u internazzjonali. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali hija diskussa f'din l-okkażjoni bħala strument Ewropew li jikkontribwixxi għall-prevalenza tad-drittijiet fundamentali fil-kostruzzjoni tad-dritt.

**Ċiklu tal-Konferenzi "Ġustizzja u Libertà tal-Espressjoni":** Stabbilita taħt il-proġett "JUST FREE — 2020-2022" iffinanzjat mid-DĠ ĠUSTIZZJA, din is-serje ta' konferenzi, implimentata minn Settembru 2020, tiegħu l-forma ta' tliet seminars li jindirizzaw il-limiti tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt tal-pubbliku għal informazzjoni u d-dritt tal-libertà tal-espressjoni tal-maġistrati b'rabta mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Applikazzjoni tappoġġa l-konferenzi kollha f'dan il-proġett.

### 2. Skola Nazzjonali tal-Amministrazzjoni tal-Ħabsijiet (École nationale de l'administration pénitentiaire)

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija ċċitata bħala riferenza u appoġġ għat-tagħlim tal-persunal tal-ħabs fit-taħriġ, inkluż fl-oqsma tal-protezzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod aktar speċifiku, id-drittijiet tad-detenu.

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-10 anniversarju għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Iskola Nazzjonali tal-Amministrazzjoni tal-Ħabsijiet ikkontribwiet għall-promozzjoni u l-fehim aħjar tal-Karta permezz ta' kompetizzjoni fit-taħdit fil-pubbliku, li saret fl-2020 bħala parti mit-48 grupp ta' diretturi apprendisti tas-servizzi tal-ħabsijiet u t-13-il grupp ta' diretturi apprendisti tas-servizzi riabilitanti tal-ħabs u tal-probation.

#### Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftehemu aħjar

##### Għall-prattikanti (il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-ġuristi)

##### Għodod żviluppati mill-Iskola Nazzjonali għall-Ġudikatura

Fuq il-pjattaforma edukattiva tagħha, l-Iskola Nazzjonali għall-Ġudikatura tipprovdi lill-imħallfin f'taħriġ inizjali u kontinwu b'qasam tematiku u sett ta' tagħlim iddedikat għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (storja, riċerka dwar il-ġurisprudenza, eċċ.), filwaqt li tirreferi b'mod partikolari għall-għodod tal-Karta żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ([↗ Manwal tal-Aġenzija tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-Karta](#)).

##### Għaċ-ċittadini

##### In-network ta' Ċentri tal-Ġustizzja tal-Komunità (des maisons de la justice et du droit)

B'141 stabbiliment madwar il-pajjiż, iċ-ċentri tal-ġustizzja tal-komunità huma postijiet fejn in-nies huma milqugħa, jinstemgħu, jiġu ggwidati u pprovduti b'informazzjoni bla ħlas u kunfidenzjali dwar id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini. Dawn jipprovdu preżenza ġudizzjarja lokali u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-kriminalità, l-appoġġ għall-vittmi u l-aċċess għal-liġi. Iċ-ċentri tal-ġustizzja tal-komunità jistgħu jagħmlu użu mill-Karta, b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-aċċess għal-liġi għaż-żgħażaġh f'attivitajiet edukattivi mmirati lejn l-iskejjel.

**L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppati minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

**I — Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem (le Défenseur des Droits)**

**a — Funzjoni**



Fi Franza, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa awtorità amministrattiva indipendenti stabbilita mil-Liġi Organika Nru 2011-333 tad-29 ta' Marzu 2011. Din għet minquxa fil-Kostituzzjoni sa mir-riforma tagħha tal-2008 u l-kompitu tagħha huwa li tittratta l-ilmenti li jaqgħu fil-ħames oqsma ta' kompetenza tagħha: id-difiża tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-utenti tas-servizzi pubbliċi, id-difiża u l-promozzjoni tal-aħjar interessi u tad-drittijiet tat-tfal, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza, ir-rispett għall-etika ta' persuni li jwettqu attivitajiet ta' sigurtà, u fl-aħħar nett, il-gwida u l-protezzjoni tal-informaturi.

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tqis li d-drittijiet tagħha jkunu nksiru tista' tippreżenta lment direttament permezz ta' aktar minn 500 delegat fit-territorju kollu f'aktar minn 800 post, jew direttament fil-kwartieri ġenerali permezz ta' formola tal-internet, jew permezz ta' ittra mingħajr ħlas.

Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem għandu setgħat investigattivi sinifikanti. Dan jista' jittob spjegazzjonijiet u l-għoti ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni u s-soluzzjoni tat-tilwima lil kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata.

Fi tmien l-investigazzjoni tiegħu, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem jiffavorixxi s-soluzzjoni bonarja. Kważi 80 % tas-soluzzjonijiet mibdija mill-istituzzjoni jirmexxu.

Jista' jadotta wkoll deċiżjoni li permezz tagħha jagħmel rakkomandazzjonijiet individwali jew ġenerali. Meta kawża titressaq quddiem il-qrati, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem jista' wkoll jagħmel osservazzjonijiet *amicus curiae* fil-qrati kollha. Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod parallel mal-azzjoni tiegħu biex jiproteġi d-drittijiet, jiżviluppa politika tal-promozzjoni tal-ugwaljanza u tal-aċċess għad-drittijiet.

Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem jagħmel użu pjuttost limitat mill-Karta sakemm din tkun applikabbli biss jekk l-Istat jimplementa d-dritt tal-Unjoni (l-Artikolu 51 tal-Karta). Għalhekk, irid jintwera fil-bidu nett, li mhux dejjem ikun ovvju. Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem jista' jinwoka b'mod aktar faċli l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li hija abbondanti, jew id-direttivi tal-UE dwar id-diskriminazzjoni.

Madankollu, din tista' tiġi invokata mid-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem, xi drabi flimkien ma' testi oħra minn Trattati (bħall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità jew il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem). Xi drabi juża l-Karta fl-ilmenti li jikkonċernaw sitwazzjonijiet diskriminatorji, li hija waħda mill-oqsma speċifiċi ta' intervent tad-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dawn huma xi eżempji ta' deċiżjonijiet li fihom il-Karta kienet strument legali utli għall-każ tad-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem.

#### **Eżempju 1: Ir-rifjut li impjegat jitħalla jitermina l-liv parentali tiegħu kmieni favur il-liv tal-maternità**

Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem irċieva lment li fih impjegata għet miċħuda l-possibbiltà mill-impjegatur (fond tal-assigurazzjoni tal-mard primarju) li tittermina, b'mod bikri, il-liv parentali tagħha favur il-liv tal-maternità peress li kienet tqila wara li kellha l-ewwel wild tagħha [1].

Meta ġie mistoqsi mid-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-impjegatur irrikonoxxa li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kienet iddikjarat fi tliet okkażjonijiet li r-rifjut li impjegat jitħalla jitermina l-liv parentali tiegħu favur il-liv tal-maternità jikkostitwixxi diskriminazzjoni abbażi tas-sess [2].

Madankollu, huwa rrifjuta li jsegwi dik il-ġurisprudenza minħabba li ma kinix għet trasposta fid-dritt Franċiż. L-Artikolu L.1225-52 tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprevedi żewġ sitwazzjonijiet li fihom impjegatur ma jistax jirrifjuta t-terminazzjoni bikrija tal-liv parentali:

il-mewt tal-wild;

jew tnaqqis sinifikanti fir-riżorsi tal-unità domestika.

B'dan il-mod, il-Kodiċi tax-Xogħol ma jeskludix il-possibbiltà ta' terminazzjoni bikrija tal-liv parentali għal raġuni oħra, sakemm il-partijiet jaqblu dwar dik ir-raġuni.

Għalhekk, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem kellu jfakkar lill-fond tal-assigurazzjoni tal-mard primarju li l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni tikkostitwixxi projbizzjoni ta' politika pubblika li minnha l-ebda impjegatur ma jista' jidderoga. Għalhekk, ikkonkluda li r-rifjut li l-liv parentali tal-ilmentatur jiġi tterminat qabel iż-żmien favur il-liv tal-maternità kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni abbażi tas-sess tagħha. F'dik id-deċiżjoni, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbaża parzjalment l-argumenti tiegħu fuq l-artikoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea:

L-Artikolu 33 tal-Karta, li jggarantixxi "il-protezzjoni tal-familja u r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u professjonali". F'dan ir-rigward, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 33 jipprovdi li "sabieħ wieħed jirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, kull persuna għandha (...) [i]d-dritt għal leave tal-maternità mħallas". L-Artikolu 21 tal-Karta jipprevedi l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi, fost l-oħrajn, tas-sess u l-Artikolu 23 jiżgura l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-oqsma kollha.

Dan l-eżempju juri li malli nkunu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — li huwa l-każ hawnhekk peress li ninsabu fil-kamp ta' applikazzjoni tan-nondiskriminazzjoni abbażi tal-kriterju tas-sess fl-impjeg u, b'mod aktar speċifiku, id-Direttiva 2006/54 — id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem jista' juża l-Karta u hija direttament applikabbli fid-dritt nazzjonali.

#### **Eżempju 2 — Impossibbiltà għall-persuni b'diżabilità li jaċċessaw offeriti promozzjonali, disponibbli esklużivament fuq sit web iddedikat għall-bejgħ ta' biljetti tal-ferrovija.**

Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem irċieva lment dwar l-impossibbiltà li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għal offeriti promozzjonali, disponibbli esklużivament fuq sit web iddedikat għall-bejgħ ta' biljetti tal-ferrovija. Għalhekk, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkluda li din is-sitwazzjoni kienet ir-riżultat ta' Prattika diskriminatorja fis-sens kemm ta':

Ir-Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, li jiddikjara li "impriża ferrovjarja, bejjiegħ tal-biljetti jew operatur tal-vjaġġi m'għandhomx jirrifjutaw li jaċċettaw riservazzjoni jew joħorġu biljett lil persuna b'diżabilità u persuna b'mobbiltà mnaqqsa" [3];

l-iżda wkoll tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

u fl-aħħar nett tal-Liġi Franċiża Nru 2008-496 tas-27 ta' Mejju 2008.

Għalhekk, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem irrakkomanda li l-kumpanija li tiġġestixxi s-sit web tal-biljetti online għandha tippermetti lill-persuni b'diżabilità jaċċessaw it-tariffi promozzjonali kollha tagħha, inklużi dawk għall-ivvjaġġar internazzjonali. Hawnhekk għal darba oħra, il-Karta tintuża bħala argument komplementari u awtorevoli:

Hija komplementari minħabba li ma hemm l-ebda direttiva orizzontali fid-dritt tal-Unjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi għall-persuni b'diżabilità, u r-Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri huwa pjuttost limitat, u għalhekk l-Artikolu 21 tal-Karta jiddikjara l-prinċipji ewlenin tan-nondiskriminazzjoni, inkluża d-diżabilità fl-aċċess għall-oġġetti;

u argument awtorevoli biex jiġu appoġġati r-rakkomandazzjonijiet u t-talbiet għal kumpens billi tiġi stipulata l-applikabbiltà diretta.

Barra minn hekk, bħala parti mill-ħidma tiegħu biex jippromwovi l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali permezz tan-networks tiegħu ta' kontropartijiet (in-network Ewropew tal-Ombudsman ġestit mill-Ombudsman Ewropew; ENOC, li jlaqqa' flimkien id-Difensuri tad-Drittijiet tat-Tfal; Equinet, in-network ta' korpi ta' kontra d-diskriminazzjoni fl-Ewropa; in-network informali tal-IPCAN ta' mekkaniżmi tal-pulizija esterni u indipendenti; in-network informali tan-NEIWA għall-iskambju ta' fehmiet dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni),

Id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem juża mhux biss il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, id-direttivi rilevanti, iżda wkoll, b'mod pjuttost sistematiku, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-qafas ta' dawn in-networks, id-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem jaħdem ħafna mal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), li hija l-mezz reali għall-promozzjoni tal-Karta f'dawn il-fora.



## b — Avenimenti

Biex tfakkar l-20 sena tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fi Franza organizzat konferenza li laqgħet flimkien għadd ta' partijiet ikkonċernati ewlenin li jaħdmu biex jiżguraw l-infurzar u l-applikazzjoni tal-Karta.

F'dan il-kuntest, is-Sinjura George Pau-Langevin, Deputat għad-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Viċi President responsabbli għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza, ħadet sehem fid-dibattitu organizzat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2020.

Flimkien ma' Elise Barbé (Imħallef Referendarju tal-Awla Kriminali tal-Qorti tal-Kassazzjoni, President tal-Bord tat-Tmexxija tal-FRA) u Olivier Cousi (President tal-Kamra tal-Avukati tal-Qorti ta' Pariġi), hija tkellmet dwar l-isfidi involuti fl-applikazzjoni tal-Karta fi Franza u l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tagħha. Għal aktar informazzjoni dwar l-inizjattivi Franċiżi mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fil-Karta, kif ukoll dwar miżuri relatati mal-promozzjoni u l-infurzar tad-drittijiet stabbiliti fit-test, ir-recording tal-konferenza huwa disponibbli permezz ta' [din il-link](#).

### II — Il-Kummissjoni Konsultattiva Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Commission consultative nationale des droits de l'Homme)

Il-Kummissjoni Konsultattiva Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (CNCDH) hija l-istituzzjoni nazzjonali Franċiża għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem stabbilita fl-1947. Hija awtorità amministrattiva indipendenti (AAI), struttura tal-Istat li tipprovdi lill-Gvern u lill-Parlament b'pariri u bi proposti indipendenti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt u l-azzjoni umanitarji, u l-osservanza tal-garanziji fundamentali mogħtija liċ-ċittadini għall-eżerċizzju tal-libertajiet pubbliċi. Magħmula minn 64 personalità u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dan jirrifletti d-diversità tal-opinjoni esposti fi Franza dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali. Bħala parti mill-kompiti tagħha, twissi lill-pubbliku u tqajjem sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali. Hija tipparteċipa wkoll fl-edukazzjoni u t-taħriġ dwar l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2018, is-CNCDH, bi sħubija mal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ipproduċiet vidjo ta' żewġ minuti li jippreżenta l-għodda:

[📺 Żewġ minuti biex tifhem il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali YouTube](#)

[📺 Żewġ minuti biex tifhem il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — is-Sit web tas-CNCDH](#)

Għandu jiġi nnotat li l-Karta se tiġi inkluża fis-sit web il-ġdid tas-CNCDH taħt "sorsi" b'tieqa deskrittiva li tista' tinftaħ u li regolarment tirreferi għaliha fir-rapporti u fl-opinjoni tagħha.

[1] id-Deċiżjoni 2019-183 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar ir-rifjut mill-impjegatur tagħha li jippermetti lill impjegata ttejjem il-liv parentali tagħha qabel iż-żmien favur il-liv tal-maternità

[2] (QĠUE, l-20 ta' Settembru 2007, Kawża C-116/06 Kiiski vs Tampereen Kaupunki; QĠUE, it-3 Awla, it-13 ta' Frar 2014, il-Kawża C-512/11, YTN u C-513/11, DST; QĠUE, l-1 Awla, it-8 ta' Mejju 2019 — Nru C-486/18).

[3] l-Artikolu 19-2 tar-Regolament (KE) Nru 1971/2007 tat-23 ta' Ottubru 2007.

L-aħħar aġġornament: 20/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - il-Kroazja

Kull sena, il-Human Rights House Zagreb (Kuća ljudskih prava Zagreb) tieħu sehem fi sħarriġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) sabiex ttejjem r-Rapport Annwali tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali. Li fih kapitlu dwar l-użu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-livell nazzjonali. Ir-Rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza tal-Istati Membri li tinwoka jew tirreferi għall-Karta, l-użu tal-Karta f'dibattiti parlamentari u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida, kif ukoll ir-rappreżentazzjoni tal-Karta f'artikli akkademiċi. Wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-Human Rights House Zagreb qasmet ir-Rapport billi ppubblikatu fuq il-media soċjali tagħha.

Barra minn hekk, fil-31 ta' Jannar 2019, fil-bini tal-Human Rights House Zagreb sar seminar dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, organizzat mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u mill-Uffiċċju tal-Kroazja tal-Ombudswoman (Ured pučke pravobraniteljice). Is-seminar, li attendew għalih rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem u ġuristi interessati oħrajn, indirizza temi bħar-rilevanza u l-funzjoni tal-Karta filwaqt li inkluda wkoll eżerċizzji relatati mal-applikazzjoni prattika tagħha matul sessjoni ta' taħriġ imqassma fuq ġurnata sħiħa.

### L-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek

#### Politiki tal-Gvern li jipromwovv l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura

Il-Pjan Nazzjonali Kontra d-Diskriminazzjoni għall-2017–2022 (il-Pjan Nazzjonali) jirreferi għall-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea fil-kapitli introduttorji tiegħu, b'enfasi speċjali fuq l-Artikolu 21 tal-Karta, li jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, tar-razza, tal-kulur, tal-oriġini etnika jew soċjali, tal-karatteristiċi ġenetiċi, tal-lingwa, tar-reliġjon jew tat-twelmin, tal-opinjoni politika jew ta' kwalunkwe opinjoni oħra, tas-sħubija f'minoranza nazzjonali, tal-proprietà, tat-twelid, tad-diżabbiltà, tal-età jew tal-orjentazzjoni sesswali. Fil-kapitlu tiegħu dwar l-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-Pjan Nazzjonali jsemmi b'mod espliċitu l-Artikolu 34(3) tal-Karta, li jenfasizza li, sabiex tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni Ewropea tagħraf u tirrispetta d-dritt għal assistenza soċjali u għal akkomodazzjoni sabiex tiżgura eżistenza diċenti għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti. L-oqsma ta' prijorità tal-Pjan Nazzjonali huma ffokati, fost affarijiet oħrajn, fuq id-drittijiet spjegati b'mod ċar fil-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali, bħall-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-kura soċjali, il-kura tas-saħħa, u s-servizzi u l-oġġetti.

L-applikazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija waħda mill-kundizzjonijiet orizzontali għall-implimentazzjoni tal-fondi strutturali Ewropej. Għaldaqstant, il-Pjan ta' azzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet abilitanti (kundizzjonalitajiet *ex ante*), żviluppat mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fondi tal-UE (*Ministarstvo regionalnog razvoja i fondova Europske unije*), jispeċifika kif se tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dan il-kriterju. Il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fondi tal-UE għandu jorganizza taħriġ għall-impjegati kollha involuti fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-fondi tal-UE. Il-korsijiet ta' taħriġ intitolati "*Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltajiet fil-Fondi SIE*" ilhom isiru mill-2015. Sal-lum, ingħataw lil 1 500 persuna li jaħdmu fil-ġestjoni u fil-kontroll tal-Fondi SIE u qegħdin ikomplu jingħataw lil kull min jinħatar bħala membru ġdid fis-sistema. B'kollox, it-taħriġ jiġi pprovdut lil 22 istituzzjoni, li jinkludu l-ministeri rilevanti u l-aġenziji ta' implimentazzjoni, u b'mod partikolari l-korpi tal-amministrazzjoni tal-istat bħall-Ministeru tal-Baħar, tat-Trasport u tal-Infrastruttura (*Ministarstvo mora, prometa i infrastrukture*), il-Ministeru tal-Ħarsien tal-Ambjent u tal-Enerġija (*Ministarstvo zaštite okoliša i energetike*), il-Ministeru tal-Kostruzzjoni u tal-Ippjanar Fiżiku (*Ministarstvo graditeljstva i prostornog uređenja*), il-Ministeru tat-Turiżmu (*Ministarstvo turizma*), il-Ministeru tas-Saħħa (*Ministarstvo zdravstva*), il-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Intraprenditorja u tas-Snaji (*Ministarstvo gospodarstva, poduzetništva i obrta*), il-Ministeru tal-Kultura (*Ministarstvo kulture*), il-Ministeru tal-Agricoltura (*Ministarstvo poljoprivrede*), il-Ministeru tal-Finanzi (*Ministarstvo financija*), il-Ministeru tax-Xjenza u tal-Edukazzjoni (*Ministarstvo znanosti i obrazovanja*), il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fondi tal-UE, il-Ministeru tax-Xogħol u tas-Sistema tal-Pensjonijiet (*Ministarstvo rada i mirovinskog sustava*), u l-Ministeru tad-Demografika, tal-Familja, taż-Żgħażaġħ u tal-Politika Soċjali (*Ministarstvo za demografiju, obitelji, mlade i socijalnu politiku*). Il-korsijiet ta' taħriġ jitwettqu f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Gvern tal-Kroazja għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Drittijiet tal-

Minoranzi Nazzjonali (*Ured za ljudska prava i prava nacionalnih manjina*), mal-Ministeru tad-Demografika, tal-Familja, taż-Żgħażaġħ u tal-Politika Soċjali, mal-Uffiċċju tal-Ombudswoman u mal-Uffiċċju tal-Ombudswoman għall-Persuni b'Diżabilità (*Ured pravobraniteljice za osobe s invaliditetom*). Il-qafas legali kontra d-diskriminazzjoni fil-Kroazja, li jinkludi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, huwa spjegat bħala parti mit-taħriġ. Il-korsijiet ta' taħriġ b'enfasi speċjali fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huma ppjanati li se jkomplu jiġu implimentati mill-awtoritajiet ta' ġestjoni futuri, bħala parti mill-ġestjoni tagħhom tal-Fondi SIE fil-perjodu ta' finanzjament li jmiss.

Barra minn hekk, il-Pjan ta' azzjoni għall-monitoraġġ tal-kundizzjonalitajiet *ex ante*, implimentat mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fondi tal-UE, jenfasizza li l-Linji Gwida għall-Benefiċjarji tal-Fondi tal-UE (*Il-Linji Gwida għall-Applikanti*) jispesifikaw ukoll il-qafas legali strateġiku li jirreferi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Fil-perjodu li ġej, sabiex jiġi pprovdut għal mekkaniżmu għall-verifika tal-konformità tal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-fondi tal-UE mal-Karta, l-obbligu li l-operazzjonijiet jikkonformaw mal-Karta se jiġi inkluż fil-*Linji Gwida għall-Applikanti*. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżviluppaw listi ta' kontroll għall-korpi kollha li jipubblikaw sejħiet għall-applikanti, li se jkollhom jindikaw b'mod ċar fil-lista jekk is-sejħa maħruġa tkunx konsistenti mal-Karta.

Barra minn hekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija parti integrali mis-sistema ta' ġestjoni tal-Fondi SIE, speċjalment għall-*Programm Operazzjonali "Kompetittività u Koeżjoni 2014–2020"* (OPCC). Għal dak l-għan, fil-31 ta' Mejju 2016, il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fondi tal-UE (l-MRRFEU) ħareġ Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali, li jiddikjara li "Interventi li għandhom jiġu ffinanzjati skont l-OPCC ma jridux biss jikkonformaw mal-prinċipji tal-ugwaljanza, iżda għandhom jipprovdwov l-applikazzjoni prattika tal-politika dwar l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċessibilità kull meta jkun possibbli." Id-dispożizzjoni hija kompletament allinjata mat-Titolu III tal-Karta, intitolata "Ugwaljanza", fl-Artikoli 21 sa 26. Wara din id-deċiżjoni, fil-31 ta' Ġunju 2016, l-MRRFEU ħareġ dwar id-dħul fis-seħħ tal-*Gwida għall-Applikanti u għall-Benefiċjarji tal-Programm Operazzjonali "Kompetittività u Koeżjoni" dwar l-Implimentazzjoni tal-Prinċipji Orizzontali*. L-abbozzar ta' dan id-dokument involva, fost l-oħrajn, lill-Uffiċċju tal-Gvern tal-Kroazja għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (*Ured za ravnopravnost spolova*), lill-Uffiċċju tal-Ombudswoman għall-Persuni b'Diżabilità, lill-Uffiċċju tal-Ombudswoman u lill-Uffiċċju tal-Ombudswoman għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (*Ured pravobraniteljice za ravnopravnost spolova*). Il-Gwida, li tipprovdi sommarju tal-kunċetti u tad-dispożizzjonijiet tal-Karta, hija disponibbli fuq: [https://struktturnifondovi.hr/dokumenti/?doc\\_id=578&fondovi=esi\\_fondovi](https://struktturnifondovi.hr/dokumenti/?doc_id=578&fondovi=esi_fondovi). Id-dispożizzjonijiet tal-*Gwida għall-Applikanti u għall-Benefiċjarji tal-Programm Operazzjonali "Kompetittività u Koeżjoni" dwar l-Implimentazzjoni tal-Prinċipji Orizzontali* huma inkorporati u jingħataw enfasi speċjali fil-fajl tal-offerta tal-OPCC sfiħ, kif jista' jidher [hawnhekk](#). Barra minn hekk, l-OPCC jipprovdwov (l-Karta) permezz ta' investiment infrastrutturali dirett li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-Karta billi jinvesti fl-infrastruttura għall-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetà sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Fil-perjodu ta' finanzjament kurrenti, l-OPCC qed jinvesti f'konformità mal-artikoli li ġejjin tal-Karta: l-Artikolu 35 – Il-protezzjoni tas-saħħa, l-Artikolu 14 – Id-dritt għall-edukazzjoni, l-Artikolu 24 – Id-drittijiet tat-tfal, l-Artikolu 25 – Id-drittijiet tal-anzjani, l-Artikolu 26 – L-integrazzjoni tal-persuni diżabbli, eċċ.

Bħala unità organizzazzjonali tal-MRRFEU, is-Servizz għall-Koordinazzjoni tat-Thejijja u tal-Implimentazzjoni tal-Proġetti jikkoordina l-applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali tan-nondiskriminazzjoni, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u tal-iżvilupp sostenibbli.

L-Uffiċċju tal-Gvern tal-Kroazja għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Drittijiet tal-Minoranzi Nazzjonali qed jippjana li jinkludi l-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni u l-viżibilità tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll l-edukazzjoni dwar il-Karta, f'dokument strateġiku ppjanat fil-qasam tal-promozzjoni u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (il-Programm Nazzjonali għall-Protezzjoni u għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem 2019–2024).

#### **Għodod li jgħinu biex wieħed jifhem aktar il-Karta u meta tapplika**

għall-prattikanti (il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-ġuristi) għaċ-ċittadini.

Kull sena, l-Akkademja Ġudizzjarja (*Pravosudna akademija*) tistinka sabiex tinkludi taħriġ dwar il-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali fil-Programm tagħha ta' Żvilupp Professionali Tul il-Ħajja għall-Uffiċċjali Ġudizzjarji u għal Persunal Ġudizzjarju lehor. L-Akkademja tieħu sehem ukoll fi proġetti tal-UE ffinanzjati minn programmi tal-UE li huma ddedikati għat-tagħlim dwar il-Karta.

Bħala eżempju ta' dan hemm il-proġett "Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-Prattika Legali" (*Ġudizzju tal-Karta*), li huwa implimentat fil-Kroazja mill-Uffiċċju tal-Ombudswoman, bl-Akkademja Ġudizzjarja li hija wieħed mis-sħab assoċjati. Bħala parti mill-proġett, erba' mħallfin ħadu sehem f'żewġ konferenzi internazzjonali fl-2017, filwaqt li fl-2018 ġew organizzati sitt workshops maqsumin fuq ġurnata kull wieħed: tlieta ġenerali fuq is-suġġett tal-Karta (għal total ta' 41 imħallef minn Zagreb, minn Split u minn Osijek) u tlieta speċjalizzati fl-ażil u fid-diskriminazzjoni, mogħtijin lil total ta' 46 imħallef f'Zagreb.

Huwa importanti wkoll li jingħad li l-proġett tal-Faċilità ta' Tranżizzjoni dwar "It-Titjib tal-Kwalità tat-Taħriġ fil-Ġudikatura – Id-Dritt tal-UE u l-Apprendiment Online", li tlesta f'Marzu 2018. Minbarra l-organizzazzjoni ta' workshops u ta' korsijiet online, il-proġett inkluda l-iżvilupp ta' kurrikulu għall-ġhōti ta' taħriġ fil-qasam tad-dritt Ewropew, li l-Akkademja Ġudizzjarja tista' tkompli tapplika fil-programmi tagħha. Wieħed mis-suġġetti koperti kien "Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: Il-Kamp ta' Applikazzjoni u l-Applikazzjoni fil-Livell Nazzjonali", bil-materjal relatat li fforma l-bażi ta' erba' workshops li saru għal total ta' 60 parteċipant bħala parti mill-programm regolari ta' żvilupp professjonali tul il-ħajja fl-2019.

#### **L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppatti minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

Bħala parti minn kors ta' taħriġ għall-impjegati taċ-ċivil involuti fil-proċess leġiżlattiv, ġie ppreżentat manwal tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-UE intitolat *Applying the Charter of Fundamental Rights of the European Union in law and policymaking at national level*. Il-kors ta' taħriġ ingħata mill-Uffiċċju tal-Ombudswoman f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali fit-30 ta' Jannar 2019.

Barra minn hekk, wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, li fiħ kapitlu dwar l-użu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-livell nazzjonali, l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili Human Rights House Zagreb xerrdet ir-Rapport billi ppubblikatu fuq il-media soċjali tagħha.

#### **Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għall-promozzjoni tal-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**

##### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien u użu mtejba tal-Karta**

F'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, l-Uffiċċju tal-Ombudswoman organizza żewġ workshops immirati lejn is-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali:

Fit-30 ta' Jannar 2019, ġie organizzat taħriġ għall-impjegati taċ-ċivil fil-bini tal-iskola Nazzjonali tal-Amministrazzjoni Pubblika (*Državna škola za javnu upravu*). L-għan tat-taħriġ kien li jżid l-għarfien dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fost l-impjegati taċ-ċivil involuti fil-proċess leġiżlattiv, b'enfasi partikolari fuq l-Artikolu 51 li jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta. Bħala parti mit-taħriġ ġie ppreżentat ukoll manwal tal-Aġenzija intitolat *Applying the Charter of Fundamental Rights of the European Union in law and policymaking at national level*.

It-taħriġ għar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ġie organizzat fil-bini tal-Human Rights House fil-31 ta' Jannar 2019. It-taħriġ iffoka fuq il-possibbiltà li l-Karta tiġi applikata permezz ta' kampanji u ta' promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll sabiex jiġu appoġġati persuni li nksirulhom drittijietom, b'enfasi partikolari fuq il-litigazzjoni strateġika.

Barra minn hekk, ir-Rapport tal-Ombudswoman għall-2018, ipprovdut lill-Parlament Kroat tard f'Marzu 2019, jikkwota l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

## **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-akkademja li jikkontribwixxu għal għarfien u użu mtejba tal-Karta**

Fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Zagreb (*Pravni fakultet Sveučilišta u Zagrebu*), l-għarfien dwar il-Karta jgħid permezz ta' lezzjonijiet mogħtijin lill-istudenti fit-tieni u fil-ħames snin, kif ukoll fil-livell postgradwatorju.

Fit-tieni sena, żewġ lezzjonijiet ikunu ddedikati għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, inkluża l-Karta, bħala parti mill-kors ewlieni fid-Dritt Pubbliku Ewropew. Fil-ħames sena, l-istudenti tal-liġi jiġu offruti l-għażla ta' kors dwar id-*Drittijiet Fundamentali tal-UE* mgħallem bl-Ingliż. Dan l-aħħar inkteb ukoll ktieb għall-istudju universitarju dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE, li jiffoka fuq il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiġi mgħallma fil-kors dwar l-Istituzzjonijiet u l-Ordinament Ġuridiku tal-UE, bħala parti minn programm ta' studju ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt tal-UE.

## **Eżempji ta' inizjattivi mhux governattivi li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

Kull sena, il-Human Rights House Zagreb tieħu sehem fi sferri imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) sabiex tejjri r-Rapport Annwali tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali, li fih kapitlu dwar l-użu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-livell nazzjonali. Ir-Rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza tal-Istati Membri li tinwoka jew tirreferi għall-Karta, l-użu tal-Karta f'dibattiti parlamentari u l-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida, kif ukoll ir-rappreżentazzjoni tal-Karta f'artikli akkademiċi. Kif diġà ntqal, wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-Human Rights House Zagreb qassmet ir-Rapport billi ppubblikatu fuq il-media soċjali tagħha.

Barra minn hekk, kif intqal aktar 'il fuq, fil-31 ta' Jannar 2019, fil-bini tal-Human Rights House Zagreb sar seminar dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, organizzat mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u mill-Uffiċċju tal-Kroazja tal-Ombudswoman. Is-seminar, li attendew għalih rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem u ġuristi interessati oħrajn, indirizza temi bħar-rilevanza u l-funzjoni tal-Karta filwaqt li inkluda wkoll eżerċizzji relatati mal-applikazzjoni prattika tagħha matul sessjoni ta' taħriġ imqassma fuq ġurnata sħiħa.

L-aħħar aġġornament: 23/02/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fil-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Italja**

L-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek.

### **Politiki tal-gvern li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura**

Il-Kulleġġ Ġudizzjarju (*Scuola Superiore della Magistratura*)

Il-Kulleġġ Ġudizzjarju, stabbilit bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 26 tat-30 ta' Jannar 2006, huwa assenjat rwol ċentrali fit-taħriġ ġudizzjarju, jiġifieri dak li jiżgura l-implimentazzjoni tal-liġi u l-infurzar tal-obbligu li l-membri tal-ġudikatura jitħarrġu b'mod professjonali. Madankollu, il-Kulleġġ jimmira wkoll l-iskemi ta' taħriġ tiegħu għall-kmamar tal-avukati, billi jorganizza korsijiet kondiviżi.

L-għan tal-Kulleġġ huwa wieħed importanti, jiġifieri li jipprovdi taħriġ u tagħlim tul il-ħajja għall-maġistrati sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali u tiżdied il-familjarità mas-sistemi legali.

Il-Kulleġġ għandu ġurisdizzjoni esklużiva fil-qasam tat-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja għall-maġistrati. Huwa responsabbli b'mod partikolari għal dan li ġej:

l-organizzazzjoni ta' seminars ta' tagħlim u taħriġ professjonali tul il-ħajja għall-maġistrati u għal prattikanti legali oħrajn (kif meħtieġ);

l-għoti ta' taħriġ inizjali u tagħlim tul il-ħajja għal maġistrati onorari;

l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi li jkunu qed ifittxu ħatra f'pożizzjonijiet superjuri fil-qrati tal-prim'istanza jew tat-tieni istanza;

l-għoti ta' taħriġ lill-maġistrati li jkollhom pożizzjonijiet superjuri u semisuperjuri fl-uffiċċji ġudizzjarji;

l-għoti ta' taħriġ għall-maġistrati fdati bi dmirijiet ta' taħriġ;

it-tweqqif ta' attivitajiet ta' taħriġ deċentralizzati;

il-kollaborazzjoni f'attivitajiet assoċjati mal-internship għall-maġistrati ordinarji fil-qafas tal-linji gwida maħruġa mill-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura (*Consiglio superiore della maġistratura*) u b'kont meħud tal-proposti mill-kunsilli ġudizzjarji;

l-organizzazzjoni, fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-gvern, ta' taħriġ għal maġistrati barranin fl-Italja jew għal parteċipanti f'attivitajiet ta' taħriġ imwettqa fil-qafas tan-*Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju* jew fil-qafas ta' proġetti tal-Unjoni Ewropea u ta' Stati oħra jew ta' istituzzjonijiet internazzjonali, jew programmi ta' implimentazzjoni għall-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ maħsuba għall-maġistrati Taljani u pprovduti minn Stati jew istituzzjonijiet internazzjonali oħra dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja;

il-kollaborazzjoni, fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-gvern, f'attivitajiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja f'pajjiżi oħrajn;

l-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ f'kooperazzjoni ma' dipartimenti simili f'korpi istituzzjonali jew professjonali oħra;

il-pubblikazzjoni ta' riċerka u studji relatati mas-suġġetti koperti mill-attivitajiet ta' taħriġ;

l-organizzazzjoni ta' inizjattivi u skambji kulturali, laqgħat ta' studju u riċerka b'rabta mal-attivitajiet ta' taħriġ;

l-organizzazzjoni ta' seminars, inkluż abbażi ta' ftehimiet jew konvenzjonijiet speċifiċi li jirregolaw it-tariffi assoċjati, għall-prattikanti legali jew għal dawk irreġistrati f'kulleġġi legali speċjalizzati.

Il-Kulleġġ jorganizza korsijiet annwali ta' tagħlim "tul il-ħajja" dwar id-dritt Ewropew u, b'mod partikolari, dwar id-drittijiet stabbiliti fil-Karta" li huma miftuħa għall-maġistrati kollha u, xi korsijiet, għall-avukati wkoll. Dawn huma relatati kemm ma' aspetti sostantivi kif ukoll lingwistiċi.

Dan il-metodu huwa xieraq, sa fejn dak it-taħriġ dwar il-Karta u l-applikazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali jiġi pprovdut kull meta jkun hemm titjib fil-protezzjoni ta' dritt fundamentali previst fiha. Għalhekk, l-aħjar prattika hija speċifikament li tiġi enfasizzata r-referenza għad-dritt inkluż fil-Karta tal-UE, b'diskussjoni dwar kif din tintegra fid-dritt nazzjonali.

Il-Karta ta' Nizza se tkun suġġett ta' tagħlim tul il-ħajja għall-2022 b'rabta ma' korsijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, dwar is-sistema tas-sorsi tal-liġi, dwar id-diġitalizzazzjoni, il-ġustizzja, id-drittijiet, dwar id-drittijiet fundamentali u d-dritt Ewropew, dwar il-malafama u d-diskors ta' mibegħda, u dwar l-intelliġenza artifiċjali u d-dritt.

Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-Karta tal-UE

F'konformità max-xewqat tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-Ministru attwali għall-Ġustizzja, Marta Cartabia, ħatret lill-Professur Palmina Tanzarella bħala l-punt ta' kuntatt tal-Italja għall-Karta. Wieħed mill-kompiti tagħha huwa li tippromwovi l-Karta, tqajjem sensibilizzazzjoni dwarha u, b'riżultat ta' dan, tiżgura li tiġi applikata b'mod aktar effettiv. L-għażla kienet għal xi ħadd li jopera fl-amministrazzjoni pubblika li jibbenefika minn koordinazzjoni interna speċifika mal-Ministeru għall-Ġustizzja u mad-dinja akkademika.

Il-punt ta' kuntatt huwa u se jkun dimensjoni ġdida għall-promozzjoni u t-titjib tal-għarfien tal-Karta permezz ta' programm regolari ta' inizjattivi. Għal dan il-għan, il-punt ta' kuntatt huwa appoġġat mill-Unià tal-Persunal għall-koordinazzjoni tal-affarijiet internazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem (

Coordinamento dell'attività internazionale in tema di diritti umani; AIDU), li ġiet stabbilita fid-Dipartiment tal-Ġustizzja (*Dipartimento per gli affari di giustizia*; DAG) tal-Ministeru għall-Ġustizzja f'Diċembru tal-2021. Din [l-inizjattiva hija mingħajr](#) preċedent u twestqet ukoll bil-għan li jiġu implimentati l-oġettivi tal-Istrateġija Ewropea għat-tiġħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE. L-unità se tiffoka – fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja – fuq oqsma Ewropej li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-moviment liberu tal-persuni.

Korsijiet universitarji

Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali bħala forza għall-integrazzjoni Ewropea issa tifforma parti essenzjali mill-korsijiet legali fl-universitajiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-avvanzi fid-dritt kostituzzjonali u tal-UE. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni f'diversi livelli għad-drittijiet, huwa importanti li l-prattikanti legali u ekonomiċi futuri jirċievu taħriġ dwar il-Karta ta' Nizza u l-interpretazzjoni tagħha mill-qrati nazzjonali u mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għal din ir-raġuni, kien hemm żieda qawwija f'korsijiet speċjalizzati f'dawn l-aħħar snin.

B'mod partikolari, skont l-aħħar sfarriġ ipprovdut mill-Ministeru għall-Universitajiet u r-Riċerka (*Ministero dell'Università e della Ricerca*; MUR), kien hemm madwar 550 kors offruti mid-dipartimenti tal-liġi, tax-xjenza politika u tal-ekonomija kemm tal-universitajiet pubbliċi kif ukoll privati, inklużi xi wħud bl-Ingliż, f'Diċembru 2021.

Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-korsijiet jindirizzaw b'mod wiesa' l-kwistjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jenfasizzaw id-djalogu bejn il-qrati kostituzzjonali u sovranażjonali Ewropej hekk kif jimplementaw il-karti tagħhom stess. L-istudji tal-każ jipprovdu lill-istudenti bl-għodod li jeħtieġu sabiex jifhemu kif il-karti u l-ġurisprudenza jinkroċjaw. B'dan il-mod, tista' tingħata kunsiderazzjoni serja lill-Karta ta' Nizza tad-Drittijiet Fundamentali u lill-implikazzjonijiet tal-applikazzjoni tagħha.

Il-Karta hija studjata wkoll f'korsijiet dwar suġġetti bħal-liġi dwar l-immigrazzjoni, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-liġi ambjentali, il-liġi kriminali u proċedurali Ewropea, il-liġi amministrattiva Ewropea, il-pluraliżmu reliġjuż, il-liġi Ewropea dwar it-taxxa u l-liġi Ewropea dwar ix-xogħol.

L-aħjar Prattiki għal kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili sabiex il-vittmi tad-diskriminazzjoni jiġu mħeġġa jtkellmu u sabiex jingħataw appoġġ

Billi pedament wieħed tal-Karta ta' Nizza huwa l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, din hija promossa wkoll mill-ħidma tal-korpi nazzjonali li huma impenjati għal din il-kwistjoni.

Għandha tingħata attenzjoni lill-[Uffiċċju Nazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni Razzjali](#) (*Ufficio Nazionale Antidiscriminazioni Razziali*; UNAR), stabbilit fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 215 tad-9 ta' Lulju 2003 (li jimplementa d-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika).

L-Uffiċċju għandu l-kompitu li jiggwarantixxi d-dritt għal trattament ugwali għall-persuni kollha, irrispettivament mill-orijini etnika jew razzjali tagħhom, l-età, it-twelmin reliġjuż, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew jekk għandhomx diżabbiltà jew le. Dan jopera b'mod awtonomu u imparzjali u issa ilu għal bosta snin jimmonitorja mill-qrib ukoll l-effetti tad-**diskors ta' mibegħda diskriminatorju, inkluż dak li jseħħ online**, kif ukoll l-isforzi sabiex dan jiġi miġġield.

Il-kompiti assenjati lill-Uffiċċju bil-liġi huma kif ġej:

li jipprovdi assistenza fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi lil persuni li jqsu li jġarrbu aġir diskriminatorju, u tali assistenza tiegħu l-forom stabbiliti fl-Artikolu 425 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Taljan;

b'rispett dovut għall-prerogattivi u l-funzjonijiet tal-awtorità ġudizzjarja, li jwettaq investigazzjonijiet sabiex jiddetermina jekk teżistix diskriminazzjoni jew le;

li jhegġegħ lill-korpi pubbliċi u privati, b'mod partikolari lill-assoċjazzjonijiet u lill-korpi attivi fil-qasam tal-indirizzar tad-diskriminazzjoni, jadottaw miżuri speċifiċi, inklużi proġetti għal azzjoni pożittiva, immirati lejn il-prevenzjoni jew il-kumpens għal diskriminazzjoni abbażi tal-orijini razzjali jew etnika;

li jżid is-sensibilizzazzjoni kemm jista' jkun dwar l-istrumenti li jipprovdu protezzjoni fis-seħħ, inkluż billi joħloq sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-prinċipju tat-trattament ugwali u jmessi kampanji ta' informazzjoni u komunikazzjoni;

li joħroġ rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni abbażi tal-orijini razzjali jew etnika, kif ukoll proposti għal emendi għal-leġiżlazzjoni eżistenti;

li jħejji rapport annwali lill-Parlament dwar l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali u l-effettività tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni, kif ukoll rapport annwali lill-Prim Ministru dwar il-ħidma mwettqa;

li jipprovdi studji, riċerka, korsijiet ta' taħriġ u skambji ta' esperjenza, inkluż f'kooperazzjoni ma' assoċjazzjonijiet u korpi attivi fil-qasam tal-indirizzar tad-diskriminazzjoni, ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi oħrajn attivi fil-qasam u ma' istituti speċjalizzati ta' sfarriġ statistiku, inkluż bil-ħsieb li jiġu żviluppati linji gwida għall-għieda kontra d-diskriminazzjoni.

Ġie stabbilit ukoll reġistru ta' assoċjazzjonijiet u korpi li jwettqu attivitajiet fil-qasam tal-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tat-trattament ugwali fid-Dipartiment għal Opportunitajiet Ugwali fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (l-Artikolu 6 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 215/2003).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja pparteċipa u bħalissa qed jipparteċipa f'għadd ta' proġetti analitiċi u operazzjonali, ikkoordinati mill-UNAR, bl-għan speċifiku li jaġġorna u jiżviluppa Prattiki u għodod sabiex jiġu evitati u miġġielda b'mod effettiv ir-rażziżmu, il-ksenofobija u forum oħra ta' intolleranza mifruxa permezz ta' diskors ta' mibegħda, inkluż *dak li jseħħ online*. Dawn il-proġetti jinkludu dawn li ġejjin:

**il-proġett CO.N.T.R.O. – “COunter Narratives againt Racism Online” (2018-2020)** – żviluppat u kkoordinat mill-UNAR bi sħubija mal-Istitut għar-Riċerka Soċjali (*Istituto per la Ricerca Sociale*; IRS) u appoġġat u ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, li ppromwova kampanja mmirata ta' komunikazzjoni u ta' ħolqien ta' sensibilizzazzjoni kontra r-rażziżmu online u stabbilixxa l-kundizzjonijiet sabiex jiġi stabbilit l-Osservatorju tal-Media u tal-Internet tal-UNAR, bl-involvement tal-atturi istituzzjonali u mhux istituzzjonali ewlenin li jaħdmu sabiex jiġġieldu kontra din il-kwistjoni;

**il-proġett REASON – “REAct in the Struggle against Online hate speech” (pendenti mill-2020)**, li formalment jistabbilixxi **Kabina ta' Kontroll Nazzjonali (Cabina di Regia Nazionale)** sabiex jiġu miġġielda **r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda online**, bil-għan li jgħin fil-koordinazzjoni tal-azzjonijiet u fl-iskambju tal-esperjenzi f'kollaborazzjoni mal-Osservatorju kontra Atti ta' Diskriminazzjoni (*Osservatorio per la sicurezza contro gli atti discriminatori*; OSCAD), il-Ministeru għall-Intern, il-Ministeru għall-Ġustizzja, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Awtorità għall-Garanziji tal-Komunikazzjonijiet (*Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni*; AGCOM) u l-assoċjazzjonijiet volontarji, inklużi: Carta di Roma, Lunaria, Arci, Amnesty Italia, Cospe u Arcigay.

Il-kompitu ewlieni tal-Kabina ta' Kontroll huwa li **tiżviluppa Pjan Strateġiku Nazzjonali għall-għieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda**.

Politiki mmirati lejn l-iskejjel. B'mod ġenerali: l-edukazzjoni

Peress li huma konxji li l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar il-Karta huwa ta' benefiċċju u neċessarju sabiex il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jiġu mħeġġa jirriflettu bir-reqqa dwar il-valuri komuni, filwaqt li n-nies u d-dinjità tal-bniedem jitpoġġew fil-qalba tal-proċess tal-bini ta' soċjetà inklużiva, hemm għadd ta' inizjattivi li twestqu fl-iskejjel. Dawn jinkludu:

*La Carta europea dei ditti a un milione di studenti* (il-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali għal miljun student) kien proġett imwettaq b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Taljan, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Università u r-Riċerka u l-uffiċċju postali Taljan (*Poste Italiane*), li permezz tiegħu kopji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea twasslu lil miljun student fi skejjel għoljin Taljani matul l-aħħar sentejn;

*La Carta di Nizza fra diritti umani e ċittadinanza* (il-Karta ta' Nizza: bejn id-drittijiet tal-bniedem u ċ-ċittadinanza) kienet kompetizzjoni promossa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni bl-għan primarju li tħeġġegħ lit-tfal jaqraw u jirriflettu dwar l-applikazzjonijiet Prattiki tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.



B'mod partikolari, il-kontenut tal-Karta għe diskuss permezz ta' tqabbil mat-testi tal-konvenzjonijiet u tat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

#### **Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftehemu aħjar**

Fl-2019, il-Ministeru għall-Ġustizzja nieda l-proġett «*EJNita*» (EJN – Italian Network: Building Bridges) b'finanzjament parzjali mill-Kummissjoni Ewropea (Ftehim ta' Għotja Nru 831373), li l-għan tiegħu kien li jsaħħaħ u jissimplifika n-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) għal materji ċivili u kummerċjali. Dan il-proġett wiegħeb għall-ħtieġa li jittejjeb l-għarfien dwar l-għodod għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali fl-isfera legali jew professjonali. Dan il-proġett irriżulta fil-pubblikazzjoni tal-[portal ALDRICUS](#), li jiġbor flimkien l-informazzjoni u l-materjali ta' interess (standards, ġurisprudenza domestika, internazzjonali u sovrannazzjonali, links għal siti ta' interess) bħala parti minn blog. Il-portal Aldricus huwa wkoll għodda għall-promozzjoni u l-ħolqien ta' sensibillizzazzjoni dwar il-Karta, li tinkiseb, b'mod partikolari, billi jiġu ppubblikati avvenimenti ta' taħriġ immirati. Pereżempju, l-avveniment ta' taħriġ *La protezione transfrontaliera degli adulti con disabilità cognitive in Italia e Spagna* (Protezzjoni transfruntiera għall-adulti b'diżabilitajiet konjittivi fl-Italja u fi Spanja) għe promoss fit-22 ta' Frar 2021.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja għandu [paġna ddedikata għall-promozzjoni tal-Karta](#), li tipprovdi aċċess għall-verżjoni Taljana tat-test kif ukoll link għas-sit web tal-Kummissjoni Ewropea għal spjegazzjoni tal-Karta.

#### **L-użu u l-promozzjoni ta' għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

Hemm haġna inizzjattivi ta' taħriġ u ta' tagħlim immirati lejn il-persunal ġudizzjarju fl-Italja li huma offruti minn istituzzjonijiet ta' taħriġ f'kooperazzjoni mas-sħab Ewropej (istituzzjonijiet Ewropej, pereżempju l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jew stati Ewropej oħra). Fl-2021, pereżempju, il-Kulleġġ Ġudizzjarju ppubblikat diversi sejħiet għal offerti f'dan ir-rigward, li riżultaw minn inizzjattivi mal-partijiet ikkonċernati tal-UE – l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (*Europäische Rechtsakademie*, ERA), istituzzjoni Ġermaniża; l-Iskola Nazzjonali Franċiża għall-Ġudikatura (*Ecole Nationale de la Magistrature*; ENM); u l-EJTN.

#### **Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jipromwvov u l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**

##### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

L-istituzzjonijiet inkarigati mid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem huma intitolati li jieħdu minn fond allokat għall-finijiet ta' attivitajiet ta' finanzjament sabiex jirreklamaw il-kontenut tal-Karta ta' Nizza bil-Liġi tal-Baġit Taljana tal-2001 (l-Artikolu 1(573) tal-Liġi Nru 178 tal-2021). Il-fond, li huwa ġestit mill-Ministeru għall-Ġustizzja, jammonta għal EUR 2 miljun għal kull waħda mis-snin 2021 u 2022 u huwa allokat għal proġetti ta' taħriġ ta' kwalità għolja li jipromwvov l-kultura ġudizzjarja fi kwistjonijiet tad-dritt kriminali internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem. Il-kriterji għall-aċċess għar-riżorsi tal-fond ġew stabbiliti permezz ta' digriet tal-Ministru għall-Ġustizzja, f'konsultazzjoni mal-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi, b'evidenza ta' kollaborazzjoni, konsultazzjoni u kooperazzjoni fit-tul ma' korpi u istituzzjonijiet internazzjonali li huma rekwiżiti ta' prijorità.

##### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u d-dinja akkademika li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom relazzjoni mill-qrib ma' tlieta mill-ogħla grati tal-Italja b'mod partikolari: il-Qorti Kostituzzjonali (*Corte costituzionale*), il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni (*Corte Suprema di Cassazione*) u l-Kunsill tal-Istat (*Consiglio di Stato*).

Id-dipartiment tar-riċerka tal-Qorti Kostituzzjonali jipubblika rapport annwali li jiġbor fih u jispjega l-interpretazzjonijiet tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali sa fejn dawn huma relatati mal-prinċipji kostituzzjonali. [L-aħħar edizzjoni tar-rapport](#) għet ippubblikata f'Ġunju 2021 bit-titolu *L'applicazione della Carta dei diritti fondamentali dell'Unione europea nella giurisprudenza della Corte costituzionale* (L-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali), Ġunju 2021.

Id-[dipartiment tar-riċerka tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni](#) jipprovdi aċċess għall-aktar deċiżjonijiet importanti, inkluża l-ġurisprudenza internazzjonali u Ewropea.

##### **Eżempji ta' inizzjattivi nongovernattivi li jipromwvov u l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

Il-Kamra Nazzjonali tal-Avukati (*Associazione Nazionale Forense*; ANF) hija membru tas-sħubija Ewropea li hija mmexxija mill-Bulgarian Lawyers for Human Rights Foundation u tlaqqa' flimkien partijiet oħra bħall-Confprofessioni (konfederazzjoni li tagħha l-ANF hija membru), il-Kamra tal-Avukati ta' Milan, l-Università ta' Burgos u l-Kunsill Ġenerali tal-Avukati ta' Spanja (*Consejo General de la Abogacía Española*). Il-parti ewlenija u s-sħab tagħha rebħu s-sejħa Ewropea għall-offerti sabiex jappoġġaw proġetti transnazzjonali dwar it-taħriġ ġudizzjarju li jkopru d-dritt ċivili, id-dritt kriminali jew id-drittijiet fundamentali (JUST-JTRA-EJTR-AG-2017).

Il-proġett Lawyers4Rights kellu l-għan li jikseb l-oġettivi li ġejjin: li jipromwvov l-għarfien tal-orijini, l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jsaħħaħ ir-rwol tagħhom li jwiegħbu għall-mistoqsijiet ta' protezzjoni li jirriżultaw mill-kwistjonijiet tal-migrazzjoni u t-terroriżmu, li joħloq sensibillizzazzjoni fost il-benefiċjarji dwar kif il-Karta tal-UE tapplika fil-livell nazzjonali, li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn il-professjonijiet legali, u li jżviluppa fehim tal-elementi essenzjali tad-dritt tal-UE applikabbli f'kull kuntest nazzjonali.

Il-konferenza finali saret fl-24 ta' Ġunju 2022 sabiex jiġu ppreżentati r-riżultati tal-proġett u l-konklużjonijiet ewlenin li saru dwar il-livell ta' sensibillizzazzjoni tal-avukati u l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Il-kontenut tal-proġett jinstab fuq: <https://lawyers4rights.eu/>

Għadd ta' inizzjattivi spontanji oħra, bħall-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' taħriġ u seminars fil-fond minn akkademiki, artikoli ta' fokus ippubblikati f'ġurnali u gazzetti legali, u skambji ta' fehmiet dwar diversi listi ta' indirizzi li l-prattikanti legali jissottoskrivu għalihom għenu wkoll sabiex jiġi ppubbliċizzat il-kontenut tal-Karta u tinholq sensibillizzazzjoni dwaru.

L-aħħar aġġornament: 21/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew deċiżjoni ta' tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### **L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Latvja**

Politiki tal-Gvern li jipromwvov u l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

Il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza tal-Latvja jinkorporaw artikoli tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") li huma relatati ma' kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* personali, tal-ugwaljanza bejn in-nies u tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma tal-migrazzjoni, tax-xjenza u tal-aċċess għall-informazzjoni.

#### **Referenzi fil-memoranda ta' spjegazzjoni għall-abbozz tal-leġiżlazzjoni**

[Il-liġi dwar il-proċessar ta' data personali fi proċessi kriminali u fi proċedimenti ta' ksur amministrattiv](#) - [fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-abbozz tal-liġi](#), referenza għall-Artikolu 8 tal-Karta dwar il-protezzjoni u l-proċessar ġust ta' *data* personali. Il-liġi tfasslet għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni u għall-kxif ta' reati kriminali u amministrattivi fir-rigward tal-proċessar ta' *data* personali.

[Il-liġi dwar il-fondi providenti privati](#) - [fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-abbozz tal-liġi](#), referenza għall-Artikolu 8 tal-Karta dwar il-protezzjoni u l-proċessar ġust ta' *data* personali.

🔗 [Il-liġi li temenda l-Liġi dwar l-assigurazzjoni soċjali tal-Istat](#) tal-25 ta' Ottubru 2018 - 🔗 [fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-abbozz tal-liġi](#), referenza għall-Artikolu 20 tal-Karta dwar l-ugwaljanza ta' kulħadd f'għajnejn il-liġi.

🔗 [Fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġi dwar it-taxxi u d-dazji](#), referenza għall-Artikolu 42 tal-Karta dwar id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE.

#### Referenzi fis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali

🔗 [Is-sentenza fil-Kawża Nru 2018-18-01](#) dwar il-konformità tal-artikoli tal-Liġi *dwar it-traffiku fit-toroq* mal-Kostituzzjoni. Instab li l-artikoli kienu jiksru l-Kostituzzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. Saret referenza għall-Artikolu 8 tal-Karta dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

🔗 [Is-sentenza fil-Kawża Nru 2018-15-01](#) dwar il-konformità tal-artikoli tal-Liġi dwar l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja mal-Kostituzzjoni. Referenza għall-Artikolu 13 tal-Karta dwar il-libertà akkademika tal-arti u tar-riċerka xjentifika.

🔗 [Is-sentenza fil-Kawża Nru 2018-11-01](#) dwar il-konformità tal-artikoli tal-Liġi dwar ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali u tal-impjegati ta' korpi tal-gvern ċentrali u lokali mal-Kostituzzjoni. Referenza għall-Artikolu 8 tal-Karta dwar il-protezzjoni u l-proċessar ġust tad-*data* personali.

#### Għodod li jgħinu biex wieħed jifhem aktar il-Karta u meta tapplika

##### Għall-prattikanti

Fil-Latvja hemm iċ-Ċentru għat-Taħriġ Ġudizzjarju tal-Latvja [Latvijas Tiesnešu mācību centrs] (LTMC), li jorganizza u jipprovdi taħriġ ulterjuri u korsijiet ta' żvilupp professjonali għall-imħallfin u għall-uffiċjali tal-qorti. Fuq bażi regolari jiġu organizzati lezzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, li matulhom huwa possibbli wkoll li tiġi diskussa l-Karta.

L-LTMC jaħdem ukoll flimkien mal-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) u man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJNT) u joffri wkoll korsijiet ta' taħriġ internazzjonali għall-imħallfin.

Fl-2014, l-LTMC organizza sitt lezzjonijiet dwar il-Karta. B'kolloxx, fl-2014 141 avukat attendew l-avvenimenti.

Mill-2017 sal-2019, 43 imħallf tal-Latvja attendew seminars relatati mal-Karta.

Fl-2018, għie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni mal-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) dwar servizzi ta' taħriġ ta' livell għoli għall-persunal ġudizzjarju u tal-infurzar tal-liġi tal-Latvja sabiex jingħata taħriġ lil imħallfin, lil uffiċjali tal-qorti, lil investigaturi, lil prosekuturi u lil uffiċjali, inkluż fuq kwistjonijiet relatati mad-dritt ġenerali tal-UE.

##### Għaċ-ċittadini

🔗 [Il-Qorti Suprema](#) tippromwovi l-applikazzjoni trasparenti tal-Karta billi tinkludi taqsima separata ddedikata għaliha fid-[direttorju tal-leġiżlazzjoni](#). Mhux id-deċiżjonijiet kollha tas-Senat huma inklużi f'dan id-direttorju, iżda biss dawk li huma rilevanti għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali (fid-direttorju, ara: European Union Law -> Treaties -> Charter of Fundamental Rights of the European Union).

Fit-taqsim tal-[Manwali](#) tas-sit web tal-Qorti Suprema, għiet inkluża informazzjoni dwar in-nefqa tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ara "Expenditure of European Union Agency for Fundamental Rights").

L-aħħar aġġornament: 05/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Litwanja

Politiki tal-Gvern li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

Il-bażi biex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni mal-Karta tiġi vvalutata bħala parti mill-proċess leġiżlattiv hija l-Artikolu 9(4) tal-Liġi dwar il-prinċipji tar-regolamentazzjoni (*Teisėkūros pagrindų įstatymas*), li jipprovdi sabiex il-korpi awtorizzati mill-Gvern ikunu jistgħu joħorġu konklużjonijiet dwar il-kompatibbiltà tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-UE, mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mat-trattati internazzjonali li r-Repubblika tal-Litwanja hija firmatarja tagħhom, mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn il-konklużjonijiet huma pprovduti wkoll lill-entità li tadotta l-att legali. Minkejja li d-dispożizzjoni ma ssemxix b' mod espliċitu r-rekwiżit ta' konformità mal-Karta, ir-rekwiżit li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-UE jinkludi wkoll l-iżgurar tal-konformità mal-Karta. Il-prattika turi li dan huwa l-mod li bih hija mifhuma d-dispożizzjoni. Pereżempju, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġi tal-Litwanja dwar l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (*Lietuvos Respublikos rinkimų į Europos Parlamentą įstatymo pakeitimo įstatymo projektas*), id-Dipartiment tad-Dritt Ewropew (*Europos teisės departamentas*) iddikjara li d-dispożizzjonijiet li kienu jirrestrinġu l-eżerċizzju tad-dritt minqux fl-Artikolu 39(1) tal-Karta li ċittadin jivvota u joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (jiġifieri d-dispożizzjoni li tiddikjara li l-istess persuna ma tistax tiġi eletta aktar minn darbtejn wara xulxin għall-Parlament Ewropew), iżda li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw restrizzjoni bħal din, kif stabbiliti fl-Artikolu 52 tal-Karta (ir-restrizzjonijiet iridu jkunu previsti mil-liġi, jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet inkwistjoni u jkunu proporzjonati), għandhom jitqiesu li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni (<https://e-seimas.lrs.lt/portal/legalAct/lt/TAK/325a8fb0199811e9bd28d9a28a9e9ad9?positionInSearchResults=1&searchModelUUID=2d93c2bd-31b3-4e97-b94e-d931dda3ca2>).

<https://e-seimas.lrs.lt/portal/legalAct/lt/TAK/325a8fb0199811e9bd28d9a28a9e9ad9?positionInSearchResults=1&searchModelUUID=2d93c2bd-31b3-4e97-b94e-d931dda3ca2>.

#### Għodod li jgħinu biex wieħed jifhem aktar il-Karta u meta tapplika

Fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Teisingumo ministerija), għet ippubblikata [gwidha għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea \(Europos Sąjungos Teisingumo Teismo praktikos vadovas\)](#) li tipprovdi wkoll informazzjoni dwar temi relatati mal-applikazzjoni tal-Karta. Is-sit web jipprovdi wkoll link għall-informazzjoni ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-difiża tad-drittijiet mogħtjin mid-dritt tal-UE (<https://tm.lrv.lt/lt/veiklos-sritys-1/es-reikalu-koordinavimas/es-teises-perkelimas-ir-igyvendinimas> li jillinkja ma' [https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/help-defending-your-rights/individuals\\_mt](https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/help-defending-your-rights/individuals_mt)).

Link għall-[manwal dwar l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali](#) ppubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali se tiġi pprovduta wkoll ladarba dan jiġi tradott għal-Litwanja.

Bħala parti mill-proġett "Insafu r-rispons għar-reati ta' mibegħda u għad-diskors ta' mibegħda fil-Litwanja", li qed jiġi implimentat mill-Ministeru għall-Intern (*Vidaus reikalų ministerija*), mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (*Generalinė prokuratūra*) u mill-Uffiċċju tal-Ispettur tal-Etika Ġurnalistika (*Žurnalistų etikos inspektoriatas tarnyba*), [qiegħed jiġi pprovdut taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija, għall-prosekuturi u għall-imħallfin](#), li huwa ffinanzjat mill-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea (2014–2020). Meta jipubblika informazzjoni legali rilevanti għall-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda, maħsuba kemm għall-uffiċjali kif ukoll għall-vittmi, il-Ministeru għall-Intern jipprovdi link għat-taqsim ddedikata tas-sit web tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (<https://vrm.lrv.lt/lt/veiklos-sritys/viesasis-saugumas-1/atsakas-i-neapykantos-nusikaltimus-ir-neapykanta-kurstancias-kalbas-li-jillinkja-ma>) <https://fra.europa.eu/en/themes/hate-crime>.

L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE

Ara l-informazzjoni pprovduta aktar 'il fuq dwar il-links għas-siti web tal-istituzzjonijiet u tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea.

Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għall-promozzjoni tal-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien u użu mtejba tal-Karta

Il-Litwanja adottat il-prattika li kull sena torganizza [Forum Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem \(Nacionaliniai žmogaus teisių forumai\)](#). Fl-2019, il-forum ġie organizzat mill-Forum tal-Litwanja dwar id-Diżabilità (*Lietuvos negalios organizacijų forumas*), mill-Uffiċċju għall-Ombudsperson tal-Opportunitajiet Indaqs (*Lygių galimybės kontrolieriaus taryba*), mill-Uffiċċju tal-Ombudsmen tas-Seimas (*Seimo kontrolierių įstaiga*), mill-Kumitat tas-Seimas dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (*Seimo Žmogaus teisių komitetas*), mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (*Užsienio reikalų ministerija*), mill-Uffiċċju tal-Ombudsperson għad-Drittijiet tat-Tfal (*Vaiko teisių kontrolieriaus įstaiga*), mill-Università Vytautas Magnus (*Vytauto Didžiojo universitetas*) u mill-Organizzazzjonijiet tal-Koalizzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (*Žmogaus teisių organizacijų koalicija*).

#### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-akkademja li jikkontribwixxu għal għarfien u użu mtejbja tal-Karta**

*Il-Kunsill tar-Riċerka tal-Litwanja* (Lietuvos mokslo taryba) iffinanzja studju ta' riċerka mwettaq mill-Università ta' Vilnius (*Vilniaus universitetas*) dwar l-"Applikazzjoni tal-Karta tal-UE bħala standard għad-difiża tad-drittijiet individwali fil-livell sovrannazzjonali u nazzjonali". L-istudju investiga sa liema punt hija applikata l-Karta u sa liema punt huma invokati d-dispożizzjonijiet tagħha mill-awtoritajiet Litwani – li, fl-oqsma tal-attività tagħhom, x'aktarx li l-aktar li jkunu involuti fl-investigazzjoni ta' lmenti li jikkonċernaw drittijiet individwali li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta – u mill-grati u mill-korpi ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess. S'tħarreġ jekk il-pubbliku u l-komunità legali kinux konxji biżżejjed tal-importanza tal-Karta għad-difiża tad-drittijiet fundamentali u jekk il-Karta kinix meqjusa bħala standard tassew effettiv għad-difiża tad-drittijiet fundamentali, filwaqt li f'ħares ukoll lejn kwistjonijiet relatati mal-użu tal-Karta għad-difiża ta' drittijiet speċifiċi. Ir-[riżultati tal-istudju](#) tqiegħdu għad-dispożizzjoni pubblikament.

#### **Eżempji ta' inizjattivi mhux governattivi li jippromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

Fuq il-portal "Id-Drittijiet Tiegħi" ("*Mano teisės*"), l-NGO [Ċentru tal-Litwanja għad-Drittijiet tal-Bniedem \(Lietuvos žmogaus teisių centras\)](#) tipprovdi link għas-siti web tal-istituzzjonijiet u tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. It-testi ppubblikati fuq dak il-portal jindirizzaw ukoll kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Karta.

L-aħħar aġġornament: 07/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orignal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew deġta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [nl](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

#### **L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Olanda**

L-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek.

##### **1. Politiki tal-gvern li jippromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġislatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura**

Fil-[pjan ta' azzjoni nazzjonali tal-2020 dwar id-drittijiet tal-bniedem](#), il-Gvern jispjega kif biħsiebu jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fin-Netherlands. Il-Karta hija parti mill-"infrastruttura tad-drittijiet tal-bniedem" deskritta fil-pjan ta' azzjoni, jiġifieri l-qafas legali għall-organizzazzjonijiet (tal-Gvern) u għall-persuni li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fin-Netherlands. Din tiddikjara li l-Karta – meta mqabbla mal-Konstituzzjoni u mal-KEDB – hija l-aktar dokument modern u komprensiv dwar id-drittijiet fundamentali. Ir-relazzjoni bejn dawn id-dokumenti dwar id-drittijiet fundamentali hija spjegata wkoll.

[Il-qafas ta' valutazzjoni integrata \(IAK\)](#) jipprovdi [lista ta' kontroll tad-drittijiet fundamentali](#) <https://www.kcbr.nl/beleid-en-regelgeving-ontwikkelen/integraal-afwegingskader-voor-beleid-en-regelgeving/6-wat-het-7> għat-tfassil tal-politika u tar-regoli. Hemm referenza għall-Karta, li tista' tkun applikabbli. [L-istruzzjonijiet għall-abbozzar tal-leġislażzjoni](#) jiddikjaraw ukoll li, meta jtfasslu d-dispożizzjonijiet, għandu jittieħed kont ta' kif dawn jirrelataw mal-liġi superjuri, inkluża l-Karta.

L-Akademie voor wetgeving [l-Akkademja għal-Leġislażzjoni] toffri korsijiet lill-avukati tal-gvern u lill-abbozzaturi leġislativi ([Dritt Ewropew u internazzjonali | Akademija għal-Leġislażzjoni | Akademija għal-Avukati tal-Gvern](#)) sabieq tippromwovi l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta). Dawn il-korsijiet huma offruti, fost l-oħrajn, lill-imħallfin (apprendisti), lill-prosekuturi pubbliċi u lill-persunal legali tagħhom, anke fil-forma ta' tagħlim elettroniku (ara [Tftixxijiet – SSR \(iċ-Ċentru ta' Taħriġ u Studju għall-Ġudikatura\)](#)).

Issa qed jittieħed kont b'mod regolari wkoll tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta fl-abbozzar tal-leġislażzjoni. Dan jiġri, pereżempju, fl-implimentazzjoni ta' direttivi u regolamenti, iżda wkoll fil-każ ta' leġislażzjoni "standard", bħal fil-qasam tal-COVID-19. Ir-rakkomandazzjonijiet tat-Taqsima Konsultattiva tal-Kunsill tal-Istat lill-Gvern spiss jiddikjaraw li l-Gvern għandu jittestja proposti leġislativi ġodda fl-ambitu tal-Karta. Il-qafas ta' ttestjar żviluppat mit-Taqsima Konsultattiva dwar is-suġġett tad-[diġitalizzazzjoni](#) jittlob speċifikament li tingħata attenzjoni lid-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta (l-Artikoli 7, 8 u 21).

##### **2. Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftehemu aħjar**

Tfassal [Manwal speċifiku dwar l-applikazzjoni tal-Karta](#) għal dawk li jfasslu l-politika u għall-abbozzaturi leġislativi. Id-dokument jispjega meta tapplika l-Karta u liema drittijiet fundamentali mill-Karta joffru protezzjoni akbar mill-Konstituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB). Il-manwal jista' jiġi kkonsultat, fost postijiet oħra, minn fuq is-sit web tal-[Expertisecentrum Europees recht](#) [ECER – Ċentru ta' Għarfien Espert dwar id-Dritt Ewropew] tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. Dan is-sit web joffri aktar informazzjoni (sfond) dwar il-Karta u referenzi għar-rapporti annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tagħha, kif ukoll għar-rapporti tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tal-UE. L-ECER regolament tippubblika rapporti dwar sentenzi ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QĠUE), li jiġu wkoll distribwiti f'bullettin.

In-[Nieuwsbrief Rechtspraak Europa](#) [il-bullettin Ewropew tal-ġurisprudenza] tal-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam jinkludi ħaġra ġenerali ta' kull xahar lejn il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-oqsma koperti, fost affarijiet oħra, mill-Karta. Il-bullettin jinkludi informazzjoni dwar taħriġ u seminars rilevanti dwar il-Karta b'mod aktar ġenerali jew dwar oqsma speċifiċi (eż. il-liġi kriminali jew il-liġi dwar il-migrazzjoni). Barra minn hekk, diversi pubblikazzjonijiet akkademiċi (Netherlandiżi) dwar il-Karta huma disponibbli, f'diversi oqsma tad-dritt (ara hawn taħt fit-Taqsima 5).

##### **3. L-użu u l-promozzjoni ta' għodod tal-Karta żviluppati minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

Ir-rapporti mill-FRA u l-gwida dwar l-applikazzjoni tal-Karta, l-għodod ta' tagħlim elettroniku dwar il-Karta u l-manwali jinistabu kollha fis-sit web tal-[ECER](#). Ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta u l-iskeda tematika mid-Direttorat tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni tal-Qorti tal-UE kollha jinistabu b'dan il-mod.

##### **Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati bejn jippromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**

##### **4. Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

Dan l-aħħar għet żviluppata l-pjattaforma tad-drittijiet tal-bniedem u tal-gvern lokali sabieq tipprovdi informazzjoni dwar u tiskambja l-għarfien dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-gvern lokali. Il-pjattaforma hija inizjattiva kollaborattiva bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Interni u r-Relazzjonijiet tar-Renju, l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Netherlandiżi (VNG), l-Istitut Netherlandiż għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ombudsman Nazzjonali. Din tista' tintuża wkoll biex jiġu skambjati informazzjoni u għarfien espert dwar (drittijiet fundamentali speċifiċi inklużi fil-) il-Karta.

##### **5. Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u d-dinja akkademika li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

L-universitajiet Netherlandiżi jindirizzaw b'mod regolari t-tifsira (prattika) tal-Karta. Pereżempju, ġew organizzati diversi simpożji għall-anniversarju ta' 10 snin tal-Karta, inkluż mill-[Università ta' Radboud](#), fejn akkademiċi, avukati tal-Gvern u mħallfin iddiskutew is-sinifikat tagħha f'diversi oqsma tad-dritt. Dan irriżulta fil-pubblikazzjoni ta' ktieb (J. Krommenjittiekel, H. C. F. J. A. de Waele u K. M. de Zwaan (edituri), "Tien jaar EU-Grondrechtenhandvest in Nederland. Een impact assessment" [10 snin tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fin-Netherlands – Valutazzjoni tal-impatt]) Deventer: Woodters Kluwer 2019). Il-jiem ta' studju huma organizzati wkoll mill-[Università ta' Utrecht](#) għall-imħallfin, l-avukati u l-prosekuturi pubbliċi sabiex iżidu l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta.

#### **6. Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jipromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

In-Nederland Juristen Comité voor de Mensenrechten [NJCM – il-Kumitat tan-Netherlands għal Ġuristi tad-Drittijiet tal-Bniedem] organizza it-tielet [Simpożju dwar il-Karta](#) fl-2020. F'din l-okkażjoni, ġie diskuss il-valur miżjud tal-Karta għall-prattika legali. Il-kontribuzzjonijiet tal-kelliema mbagħad inġabru fin-Nederlands Tijdschrift voor de Mensenrechten (NTM – Volum 45, 2020, Nru 1).

L-aħħar aġġornament: 21/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### **L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Portugall**

L-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek.

#### **Politiki tal-Gvern li jipromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura**

##### **Referenzi speċifiċi għall-applikazzjoni tal-Karta jew spjegazzjonijiet dwarha**

Fl-2019, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja (il-Ministeru għall-Ġustizzja) ipproduċa gwida dwar l-applikazzjoni tal-Karta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-fondi Ewropej, immirata lejn il-professionisti li jaħdmu f'dan il-qasam.

##### **Taħriġ dwar l-applikazzjoni tal-Karta**

##### **Taħriġ għall-imħallfin u għal professionisti legali oħra:**

Iċ-Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji (*Centro de Estudos Judiciários*) joffri taħriġ inizjali u kontinwu għall-imħallfin u l-prosekuturi kemm dwar id-dritt tal-UE b'mod ġenerali kif ukoll dwar kwistjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-UE. Il-Karta hija koperta f'dan it-taħriġ. L-avukati u professionisti legali oħra jistgħu jipparteċipaw ukoll f'konferenzi u f'seminars organizzati miċ-Ċentru.

Fl-2018, iċ-Ċentru organizza kors ta' taħriġ ta' ġurnata sħiħa li ffoka speċifikament fuq il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u l-Karta. Il-programm tal-kors, il-filmat u t-testi rilevanti jinsabu [hawnhekk](#).

Fl-ambitu tal-programm "HELP in the EU III", il-pjan ta' taħriġ kontinwu taċ-Ċentru għall-2022–2023 jinkludi taħriġ kontinwu għall-imħallfin u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministério Público*) biex jiġu promossi l-kompetenzi fl-applikazzjoni tal-Karta.

##### **Taħriġ għall-benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE:**

F'Ġunju 2019, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja ipprova kors ta' taħriġ għall-korpi kollha tal-Ministeru għall-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni tal-Karta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE.

##### **Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftiehem aħjar**

##### **Għall-prattikanti (il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-ġuristi):**

Iċ-Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji jippubblika bullettin regolari dwar il-ġurisprudenza tal-QĠUE: [http://www.cej.mj.pt/cej/newsletter\\_tjue\\_cej/newsletter\\_tjue\\_cej.php](http://www.cej.mj.pt/cej/newsletter_tjue_cej/newsletter_tjue_cej.php);

Fl-2019, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja pproduċa gwida dwar l-applikazzjoni tal-Karta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-fondi Ewropej, immirata lejn il-professionisti li jaħdmu f'dan il-qasam.

##### **Għaċ-ċittadini:**

Is-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja għandu [paġna web iddedikata dwar il-Karta](#);

Is-sit web tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Ministério Público*) għandu [paġna web dwar is-sistema tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali](#), li tipprovi wkoll informazzjoni dwar il-Karta.

Is-sit EUROCID ukoll għandu paġna dwar [il-Karta](#).

##### **L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

Is-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja għandu [paġna web iddedikata għall-Karta](#), li tirreferi għall-għodod disponibbli mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u tinkludi link għas-sit web tal-Aġenzija.

##### **Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għall-promozzjoni tal-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**

##### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien u użu aħjar tal-Karta**

[Mhux applikabbli]

##### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-akkademja li jikkontribwixxu għal għarfien u użu aħjar tal-Karta**

[Mhux applikabbli]

##### **Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jipromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

Il-proġett "il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-azzjoni"

Dan il-proġett kien iffinanzjat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi u żviluppata minn konsorzju ta' universitajiet Ewropej (l-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Katalonja, l-Università ta' Utrecht – l-Iskola tal-Liġi, u l-Università ta' Szczecin). Fil-Portugall, il-proġett kien ikkoordinat mill-Osservatorju Permanenti għall-Ġustizzja (*Observatório Permanente de Justiça*) taċ-Ċentru għall-Istudji Soċjali (*Centro de Estudos Sociais*) tal-Università ta' Coimbra u kien jinvolvi l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (*Conselho Superior da Maġistratura*), l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, iċ-Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji u l-Kamra tal-Avukati (*Ordem dos Advogados*). L-għan ewlieni tal-proġett kien li jiġi żviluppata programm ta' taħriġ wiesa' biex jissaħħu l-kompetenzi tal-atturi ġudizzjarji fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Karta, sabiex ikunu jistgħu jinterpretawha u japplikawha aħjar. Il-proġett ipprova li mhux biss jgħin biex jingħelbu d-diffikultajiet relatati man-nuqqas ta' għarfien dwar il-Karta, filwaqt li jenfasisza l-ħtieġa li jkun hemm aktar sensibilizzazzjoni dwarha, iżda wkoll li tiġi spjegata aħjar ir-rilevanza tal-Karta fil-livell nazzjonali u fiż-Żona Ewropea tal-Ġustizzja.

Fl-2018 ġew organizzati diversi korsijiet u konferenzi ta' taħriġ bħala parti minn dan il-proġett, immirati primarjament lejn l-atturi ġudizzjarji. Ingħata wkoll taħriġ online: <https://ces.uc.pt/cfr/moodle/>.

Ġie żviluppata ukoll Manwal tal-Aħjar Prattika u Manwal ta' Taħriġ b'riżultat tal-proġett.

L-informazzjoni kollha dwar din l-inizjattiva hija disponibbli fl-indirizz: <https://www.ces.uc.pt/cfr/>.

Il-proġett "E-Learning National Active Charter Training" (e-NACT)

Dan il-proġett, li huwa ffinanzjat mill-Programm tad-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza tal-Kummissjoni Ewropea, jinvolvi bosta universitajiet Ewropej,



inkluż iċ-Ċentru għar-Riċerka fid-Dritt Pubbliku (*Centro de Investigação de Direito Público*) (CIDP) tal-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Liżbona. Huwa għandu l-għan li jipprovdi metodoloġija u attivitajiet ta' taħriġ li, flimkien mal-għarfien espert tal-ħarrieġa involuti, se jrawmu l-ħolqien u l-konsolidazzjoni ta' kultura komuni tad-drittijiet fundamentali.

Din l-inizjattiva toffri wkoll korsijiet ta' tagħlim elettroniku u manwali tematiċi dwar diversi oqsma tal-liġi.

Fl-2019, saru tliet workshops dwar il-protezzjoni tad-*data*, l-ażil u l-migrazzjoni, u l-libertà tal-espressjoni fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Liżbona, primarjament għall-avukati, l-imħallfin u l-prosekuturi mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku – <https://www.icjp.pt/cidp/eventos/17759/programa>.

Għal aktar informazzjoni dwar dan il-proġett, ikkonsulta: <https://cjc.eu.eu/projects/e-nact/>.

Il-Konferenza: "Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-attiviżmu ġudizzjarju tal-QĠUE: karta tad-drittijiet taħt pressjoni?"

Fl-2017, il-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Liżbona organizzat konferenza dwar il-Karta u l-attiviżmu ġudizzjarju tal-QĠUE. Fl-2018, wara din il-konferenza, edizzjoni tal-ġurnal online dwar il-dritt pubbliku, *e-Pública – Revista Eletrónica de Direito Público*, iffukat fuq din il-kwiżtjoni ([Vol. 5, Nru 2, Lulju 2018](#)).

L-aħħar aġornament: 07/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Rumanija

### L-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek

#### Politiki tal-Gvern li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura

Il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet dipendenza fuq il-Karta bħala prattika emerġenti fil-[ġurisprudenza tagħha](#). Il-qrati ordinarji wkoll għandhom it-tendenza li jirreferu għad-dispożizzjonijiet tal-Karta fis-sentenzi tagħhom. Din it-tendenza hija marbuta maż-żieda fl-għadd ta' korsijiet u seminars dwar suġġetti relatati mad-drittijiet mogħtija lill-maġistrati f'diversi forum.

L-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura (*Institutul Național al Magistraturii*) żviluppa programmi li permezz tagħhom tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dritt tal-UE u l-ġurisprudenza tal-QĠUE b'raba mill-qrib mal-ġurisprudenza tal-QEDB, b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dawk li jkunu se jsiru prosekuturi u mħallfin jattendu dawn il-korsijiet. L-imħallfin u l-prosekuturi fil-kariga jattendu dawn il-korsijiet bħala parti mit-taħriġ kontinwu tagħhom.

**Eżempju riċenti** f'dan ir-rigward huwa webinar dwar l-użu tal-Karta fil-proċeduri tal-ażil.

Il-Karta hija inkluzja fil-kurrikulu tal-fakultajiet tal-liġi u ta' universitajiet oħrajn fir-Rumanija kif ukoll fil-kurrikuli implimentati mill-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura.

Awtoritajiet pubbliċi Rumani oħrajn jużaw id-dispożizzjoni tal-Karta fit-tfassil tal-politiki (pereżempju, politiki dwar l-impjeg u l-qgħad; politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli) jew meta jagħtu r-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-pieni (ara, pereżempju, il-prattika tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġlieda Kontra d-Diskriminazzjoni (*Consiliul Național pentru Combaterea Discriminării*)). Iċ-Charterpedia u, b'mod ġenerali, id-*data* pprovduta f'kull forma mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali huma strumenti utli ħafna li jservu bħala bażi, pereżempju, għall-ħidma tal-Ministeru għall-Intern (*Ministerul Afacerilor Interne*). Il-Ministeru għall-Intern għandu l-unittajiet tat-taħriġ tiegħu stess li jipprovdu taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Is-suġġett ewlieni ta' dawn il-korsijiet ta' taħriġ huwa l-istrumenti internazzjonali kollha għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluzja l-Karta.

Fost il-miżuri meħtieġa biex tintlaħaḡ il-prekundizzjoni għal "Applikazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE", il-Ministeru għall-Fondi Ewropej (*Ministerul Fondurilor Europene*) huwa responsabbli wkoll biex jiżgura li jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi li jiżguraw il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif previst fl-Anness III tal-proposta għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK). F'dan ir-rigward, id-Direttorat Ġenerali għall-Ipprogrammar u l-Koordinazzjoni tas-Sistemi (*Direcția Generală Programare și Coordonare Sistem*) ħejja l-Linji Gwida għall-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u tal-Investment Ewropej ([Linji Gwida](#)), li għandhom l-għan li jassistu kemm lill-persunal tal-Ministeru għall-Fondi Ewropej (*Ministerul Fondurilor Europene*), lill-ministeri kompetenti f'dati bil-geštjoni ta' fondi Ewropej, lill-aġenziji u lil awtoritajiet pubbliċi oħrajn fl-istadij tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni, għas-snin finanzjarji 2021–2027, kif ukoll lill-benefiċjarji potenzjali li japplikaw għall-finanzjament mill-fondi tal-UE fl-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-ministeru jqis li djalogu regolari dwar l-applikazzjoni tal-Karta u l-għoti ta' assistenza istituzzjonali mill-UE f'dan ir-rigward huma importanti.

#### Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftiehem aħjar

Iċ-Charterpedia u l-materjal tal-FRA dwar il-Karta iġenerali huma strumenti utli. Pereżempju, il-Ministeru għall-Intern iddikjara li juża materjal tal-FRA.

#### L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija Nru 2 – strumenti żviluppata mill-FRA huma rilevanti u jintużaw.

#### Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

##### Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta

Il-webinar li ġie organizzat dan l-aħħar, jiġifieri f'Ġunju 2020, mill-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura rigward l-użu tal-Karta fi proċeduri tal-ażil huwa eżempju ta' tali kooperazzjoni. Bosta NGOs nazzjonali u internazzjonali attendew dan l-avveniment, flimkien mal-Kamra tal-Avukati ta' Bucharest.

Fl-2019 u fl-2020, l-Istitut Rumani għad-Drittijiet tal-Bniedem (*Institutul Român pentru Drepturile Omului*) żviluppa u pprova sensiela ta' korsijiet imfassla għal diversi kategoriji professjonali li, minħabba x-xogħol speċifiku tagħhom, huma mitluba jkunu konxji tad-drittijiet tal-bniedem u japplikawhom. Il-korsijiet kienu jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet tal-Karta. Id-dispożizzjonijiet ġew rieżaminati u diskussi waqt il-korsijiet imfassla għall-pulizija tal-fruntieri (organizzati fl-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija (*Inspectoratul General al Poliției*) u għal tliet spettorati territorjali oħrajn: Timișoara, Giurgiu, Constanța) dwar is-suġġett tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-migrazzjoni irregolari (b'referenza partikolari għall-Artikoli 2, 3, 4, 6, u 35 tal-Karta).

Il-korsijiet ipprovduti fl-2019 jistgħu jiġu kkonsultati [hawnhekk](#).

Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-kwiżtjoni tal-prevenzjoni tat-tortura u ta' kastigi u trattament inumani u degradanti, id-dispożizzjonijiet tal-Karta kienu inklużi fil-korsijiet żviluppata għall-aġenti taċ-Ċentri Nazzjonali għad-Detenzjoni u l-Arrest Preventiv.

Fl-okkażjoni ta' kors organizzat biex jimmarka l-għaxar anniversarju mill-adozzjoni tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tal-Karta, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali, ġew diskussi waqt workshops ta' diskussjoni mmirati għall-għalliema u l-ispetturi tal-iskejjel fil-Kontea ta' Vâlcea.

Fl-2020, il-Karta ġiet promossa permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ immirati għall-uffiċjali tal-pulizija miċ-Ċentri Nazzjonali għad-Detenzjoni u l-Arrest Preventiv, l-ispettorati tal-pulizija tal-fruntieri u għall-avukati.

Il-korsijiet ipprovduti fl-2020 jistgħu jiġu kkonsultati [hawnhekk](#).

#### Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u d-dinja akkademika li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta

Il-korsijiet kollha msemmija hawn fuq, li ġew organizzati mill-Istitut Rumani għad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew organizzati bi sħubija ma' istituzzjonijiet pubbliċi u sħab mill-ambjent edukattiv/akkademiku, kif ġej:

L-Istitut tal-Istudji dwar l-Ordni Pubbliku (*Institutul de Studii pentru Ordinea Publică*) (Il-prevenzjoni tat-tortura u tat-trattament inuman u degradanti għall-personal taċ-Ċentri Nazzjonali għad-Detenzjoni u l-Arrest Preventiv);

Il-Pulizija tal-Fruntieri Rumena (*Poliția Română de Frontieră*), l-Ispettorat Ġenerali għall-Immigrazzjoni (*Inspectoratul General pentru Imigrări*), id-Direttorat ta' Kontra l-Korruzzjoni (*Direcția Anti-corupție*) tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni (skont il-pjan ta' azzjoni konġunt tad-Direttorat Ġenerali ta' Kontra l-Korruzzjoni (*Direcția Generală Anticorupție - DGA*) – l-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija tal-Fruntieri Rumena (*Inspectoratul General al Poliției de Frontieră Române - IGPF*) – l-Ispettorat Ġenerali għall-Immigrazzjoni - IGI għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-kuntest tal-immigrazzjoni irregolari)

L-iskejjel sekondarji, l-iskejjel, iċ-ċentri nazzjonali tat-taħriġ għall-għalliema involuti fit-taħriġ tal-għalliema mis-sistema nazzjonali tal-edukazzjoni

Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija Nru 1 – Il-Karta hija inkluża fil-kurrikulu tad-dritt tal-UE u tas-suġġetti tad-dritt pubbliku internazzjonali tal-fakultajiet tal-liġi fir-Rumanija.

### **Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jipromwov u l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

📄 **L-Istitut Rumien għad-Drittijiet tal-Bniedem** jipromwovi kontinwament l-użu tal-Karta u s-sensibilizzazzjoni tad-drittijiet li jinsabu fiha.

L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa hija NGO b'uffiċċji f'bosta stati, inkluż ir-Rumanija. 📄 **Is-sit web** huwa tradott bir-Rumen u jinkludi gwida dwar l-użu tal-Karta.

L-aħħar aġġornament: 25/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Slovakkja**

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakkja [*Ústavný súd Slovenskej republiky*] iddeċidiet dwar l-applikabbiltà tal-Karta fis-Slovakkja fil-kawża PL.ÚS 10 /2014, fejn hija kkonkludiet b'mod espliċitu li l-Karta jrid ikollha l-istess pożizzjoni fl-ordni kostituzzjonali tas-Slovakkja bħal ftehimiet internazzjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali regolati mill-Artikolu 7(5) tal-Kostituzzjoni Slovakkja. Dan ifisser li tiegħu preċedenza fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Fil-proċess leġiżlattiv, kull biċċa leġiżlazzjoni ġdida tinkludi klawżola dwar il-kompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u trid tiddikjara wkoll il-kompatibbiltà tagħha mal-Karta jekk il-leġiżlazzjoni tirrigwarda drittijiet mogħtija mill-Karta.

### **L-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

Politiki tal-gvern li jipromwov u l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura

Id-dokumenti li ġejjin jinkludu referenzi għall-Karta u għall-importanza tagħha f'termini ta' leġiżlazzjoni internazzjonali u Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.

📄 **Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni tal-Forum kollha ta' Diskriminazzjoni għall-2016–2019** [*Akčný plán predchádzania všetkých foriem diskriminácie na roky 2016–2019*] jirreferi għall-Karta u jinkorporaha fil-qafas legali fundamentali kontra d-diskriminazzjoni b'rabta mal-kuntest internazzjonali tagħha u l-obbligi tas-Slovakkja

📄 **L-Istrateġija Nazzjonali Slovakkja dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2014–2019** [*Celoštátna stratégia rodovej rovnosti v Slovenskej republike rok 2014–2019*]

📄 **L-Istrateġija għall-Mobbiltà tal-Forza tax-Xogħol tal-Barranin fis-Slovakkja** [*Stratégia pracovnej mobility cudzincov v Slovenskej republike*]

📄 **L-Istrateġija Nazzjonali għall-Protezzjoni tat-Tfal mill-Vjolenza** [*Národná stratégia na ochranu práv detí pred násilím*]

📄 **Il-Programm Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Kundizzjonijiet tal-Għajxien ta' Ċittadini b'Diżabbiltà fl-Oqsma kollha tal-Ħajja għall-2014–2020** [*Národný program rozvoja životných podmienok osôb so zdravotným postihnutím na roky 2014–2020*]

📄 **Il-Programm Nazzjonali għall-Tixjiħ Attiv għall-2014–2020** [*Národný program aktívneho starnutia na roky 2014–2020*]

📄 **Il-Prijoritajiet Nazzjonali għall-Iżvilupp tas-Servizzi Soċjali għall-2015–2020** [*Národné priority rozvoja sociálnych služieb na roky 2015–2020*]

📄 **L-Istrateġija għad-Deistituzzjonalizzazzjoni tas-Sistema tas-Servizzi Soċjali u l-Kura Sostitutiva fis-Slovakkja** [*Stratégia deinštitucionalizácie systému sociálnych služieb a náhradnej starostlivosti v Slovenskej republike*]

📄 **Il-Qafas Nazzjonali għall-Protezzjoni tat-Tfal fl-Ispazju Diġitali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Qafas Nazzjonali għall-Protezzjoni tat-Tfal fl-Ispazju Diġitali għall-2020–2021** [*Národná koncepcia ochrany detí v digitálnom priestore a Akčný plán k národnej koncepcii ochrany detí v digitálnom priestore na roky 2020–2021*]

Il-Karta tal-UE hija inkluża fil-Qafas tat-Taħriġ [*koncepcia vzdelávania*] tal-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakkja [*Justičná akadémia Slovenskej republiky*]. Il-Qafas tat-Taħriġ tal-Akkademja Ġudizzjarja Slovakkja (l-"Akkademja Ġudizzjarja") huwa dokument li jispeċifika l-proċedura għar-rwol tal-Akkademja Ġudizzjarja fit-taħriġ tal-gruppi fil-mira speċifikati fil-Att Nru 548/2003 dwar l-Akkademja Ġudizzjarja, kif emendat, fil-Ministeru għall-Ġustizzja u fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali [*Generálna prokuratúra Slovenskej republiky*]. Bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja msemmi hawn taħt, dan ifisser taħriġ għall-imħallfin, l-assistenti mħallfin u l-uffiċjali ġudizzjarji fl-ispeċjalizzazzjoni u l-kompetenzi tagħhom.

• Il-Qafas tat-Taħriġ tal-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakkja (effettiv mill-25 ta' Settembru 2019)

huwa parti mit-tagħlim tul il-ħajja; id-dritt tal-UE huwa inkluż bħala parti minn "Kwistjonijiet kurrenti li jirrigwardaw l-applikazzjoni tad-dritt mill-qrati f'diversi oqsma tad-dritt".

Il-perkors ta' tagħlim jirrifletti x-xejriet kurrenti Ewropej. Huwa bbażat fuq it-tliet pilastru tal-edukazzjoni, l-osservanza tad-dritt u l-ġustizzja, u l-istat tad-dritt.

L-attivitajiet ta' taħriġ jenfasizzaw id-diskussjonijiet f'panels, il-workshops u l-għarfien u l-esperjenza minn applikazzjoni prattika tad-dritt imwassla minn lekturi Slovakkji u internazzjonali. L-avvenimenti huma interattivi u jinkludu analiżi ta' studji tal-każ u ta' każijiet speċifiċi mid-dinja reali.

• Fil-qasam tad-dritt tal-UE u ta' dak internazzjonali, issir enfażi fuq:

l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE mill-qrati nazzjonali, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-ġurisprudenza tal-qrati kostituzzjonali tal-Istati Membri tal-UE;

il-proċedura rigward id-domandi għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura għal deċiżjoni preliminari;

il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE – il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tal-2009 u l-użu tagħha fil-prattika (il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea);

il-kumpens għad-danni fil-kuntest tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

il-liġi tal-konsumatur tal-UE

📄 **Il-liġi tax-xogħol tal-UE fis-suq uniku**, speċjalment il-liġi kontra d-diskriminazzjoni u dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-sigurtà soċjali.

### **Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftehemu aħjar**

• għall-prattikanti (il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-ġuristi)

Pubblikkazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali; lista dettaljata hija pprovduta hawn taħt

• għaċ-ċittadini

📄 **Is-sit web** dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mħaddem mill-Ministeru għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Familja tar-Repubblika Slovakkja.

📄 [Skeda informattiva](#) li fiha informazzjoni bażika dwar il-Karta

📄 [Id-drittijiet tiegħek fl-UE](#) – sit web ta' informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea

### **L-użu u l-promozzjoni ta' għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

Il-materjal varjat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), huwa disponibbli mingħajr ħlas, ħafna minnu bis-Slovakk. Id-dokumenti u l-għodod fundamentali jinkludu:

Ir-[Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019](#), Kapitolu 2 Il-Karta tad-Drittijiet fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri

l-[Charterpedia](#) hija għodda online li tipprovdi informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar il-firxa sfiha ta' drittijiet fundamentali taħt l-artikoli differenti tal-Karta u tinkludi t-test sfiħ kif ukoll spjegazzjonijiet legali tal-artikoli individwali, ġurisprudenza Ewropea u nazzjonali relatata u pubblikazzjonijiet tal-FRA relatati. Hija disponibbli wkoll fil-forma ta' app għall-apparati mobbli.

📄 [Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fis-Slovakkja](#) tipprovdi spjegazzjoni dettaljata dwar l-importanza, l-applikabilità u l-kunċett usa' sfiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija mill-Konstituzzjoni Slovakka u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

📄 [L-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-Liġi u t-Tfassil tal-Politiki fil-Livell Nazzjonali – Gwida](#)

📄 [Riżorsi disponibbli fosthom opinjonijiet legali u eżempji ta' applikazzjoni fil-prattika](#)

📄 [Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-10 anniversarju tagħha: l-opinjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem](#)  
Hemm ukoll, pereżempju ir-[Rapport tat-30 ta' Jannar 2019 tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE](#).

Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea

📄 [Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-Karta](#)

Pubblikazzjoni tan-Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (ENNHRI): 📄 [L-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#).

### **Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jipromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**

#### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

• [Pubblikazzjoni taċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem \[Slovenské národné stredisko pre ľudské práva\]](#): Gwida dwar Suġġetti tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward is-Sħubija tar-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea [*Sprievodca ľudskoprávnymi témami súvisiacimi s členstvom Slovenskej republiky v Európskej únii*]

• Siti web professjonali li jipprovdu informazzjoni dwar l-applikazzjoni prattika tad-dritt u artikoli ta' esperti u akkademiċi

Is-sit web tal-Kamra tal-Avukati Slovakka [*Slovenská advokátska komora*] u tal-Kamra Slovakka tal-Konsulenti tat-Taxxa [*Slovenská komora daňových poradcov*]

Il-Bulletin tal-Kamra tal-Avukati Slovakka [*Bulletin Slovenskej advokátskej komory*]

Ġurnal online tal-professjoni legali fuq pravnelisty.sk

Is-sit web [epravo.sk](#)

#### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u d-dinja akkademika li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

Din l-informazzjoni mhix disponibbli.

#### **Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jipromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

📄 [Is-sit web taċ-Ċentru Legali Ewropew tal-EUROIURIS, assoċjazzjoni ċivika – Il-legalizzazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa u l-applikazzjoni tagħha fis-Slovakkja \[Právna úprava ochrany ľudských práv v Európskej únii a v Rade Európy a ich aplikácia v podmienkach Slovenskej republiky\]](#).

Il-portal tal-aħbarijiet [euractiv.sk](#) li jiffoka fuq affarijiet tal-UE, speċjalment b'rabta mas-Slovakkja.

L-aħħar aġġornament: 27/02/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Finlandja**

**Politiki tal-Gvern li jipromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-legalizzazzjoni, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.**

Id-dokument ta' politika ewlieni fis-seħħ huwa r-Rapport tal-2014 tal-Gvern tal-Finlandja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (*Valtioneuvoston ihmisoikeusselonteko, VNS 6/2014 vp*), li jħares lejn mod kif tissaħħaħ id-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali tal-UE, inkluż billi titqajjem sensibillizzazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Ir-rapport isemmi wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u r-rapport annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll id-diskussjoni dwar dawn fil-livell tal-Kunsill. Jiddikjara wkoll li huwa importanti li tiżdied is-sensibillizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-Karta. Ir-rapport jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppata u li jsir użu mill-għodod prattiċi eżistenti għall-abbozzaturi, bħal linji gwida u listi ta' kontroll, sabiex titqajjem sensibillizzazzjoni dwar il-Karta. Dan għandu jiġi appoġġat, pereżempju, permezz ta' taħriġ għar-relaturi tal-UE (p. 38). Fl-opinjoni tiegħu dwar ir-Rapport dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat Għoli tal-Parlament tal-Finlandja enfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li titqajjem sensibillizzazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (suVL 6/2014 vp).

#### **Ir-Rapport tal-Gvern tal-Finlandja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2014**

It-Tieni Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Finlandja dwar id-Drittijiet Fundamentali u tal-Bniedem 2017–2019 (*Kansallinen perus- ja ihmisoikeustoimintaohjelma 2017–2019*) speċifikament jirreferi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE bħala bażi ġuridika għall-Pjan ta' Azzjoni kollu (p. 17) flimkien ma' sorsi rilevanti oħra tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali hija wkoll bażi ġuridika għal xi proġetti individwali tal-pjan ta' azzjoni, bħall-azzjoni 1.1 Titijb tal-kapaċità tal-Gvern fi kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem (*Valtioneuvoston kapasiteetin kasvattaminen perus- ja ihmisoikeusasioissa*) u l-azzjoni 1.1.1 Tisħiħ tal-ħiliet bażiċi u tad-drittijiet tal-bniedem tal-uffiċjali tal-Gvern (*Valtioneuvoston virkamiesten perus- ja ihmisoikeusosaamisen vahvistaminen*).

#### **Kansallinen perus- ja ihmisoikeustoimintaohjelma 2017–2019 (Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet Fundamentali u tal-Bniedem 2017–2019)**

##### **Taħriġ dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali**

Programm ta' taħriġ tal-Gvern dwar id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem (*Perus- ja ihmisoikeudet valtioneuvostossa*) għall-uffiċjali tal-Gvern fir-rebbiegħa 2017, li indirizza wkoll id-drittijiet fundamentali fl-UE, inkluża taqsima dwar il-valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem;

Kors ta' taħriġ għall-uffiċjali dwar id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem fl-Unjoni Ewropea (*Perus- ja ihmisoikeudet Euroopan unionissa*), li jinkludi taqsima separata dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (kull sena, l-aħħar kors ta' taħriġ fit-30 ta' Marzu 2020);

Kors ta' taħriġ għall-uffiċjali msejħa *EU-oikeus päähkinänkuoressa* ("id-dritt tal-UE fil-qosor"), li jittratta wkoll fid-dettall il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (kull sena, l-aħħar kors ta' taħriġ fl-10 ta' Mejju 2019);

Taħriġ dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, iċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Finlandja u l-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Finlandja (is-16 ta' Jannar 2019);

Kors ta' taħriġ għall-uffiċjali dwar kriterji ta' abbozzar legali, inkluża taqsima dwar id-drittijiet fundamentali u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (kull sena); Sessjoni ta' taħriġ għall-uffiċjali tar-Rappreżentanza Permanenti tal-Finlandja għall-UE (Brussell) dwar kif għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-Karta fil-ħidma tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill (rebbejgħa 2019, bħala parti mit-tfejjiet tal-Finlandja għall-presidenza Finlandiża tal-Kunsill), f'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

F'Ottubru 2019 saret żjara lill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fi Vjenna minn persunal mill-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari bħala segwitu għall-inizjattiva tal-FRA biex tikkoopera aktar mill-qrib. Matul iż-żjara, ġew ippreżentati l-attivitajiet tal-Aġenzija, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u r-rwol tal-Aġenzija fil-monitoraġġ u fl-ewwazzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal. Il-parteċipanti qablu li jkomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni bejn l-Aġenziji. Korsijiet oħra ta' taħriġ dwar il-kontenut u l-applikazzjoni tal-Karta ġew organizzati wkoll fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

### Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftehemu aħjar

Il-Ministeru għall-Ġustizzja fassal nota dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. In-nota ġiet abbozzata għall-ewwel darba fl-2016 u aġġornata fil-bidu tal-2020. L-għan ta' din in-nota huwa li sservi bħala għodda għall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-abbozzar tal-Finlandja fir-rigward tal-UE, b'mod partikolari meta tivvaluta d-drittijiet fundamentali u tal-bniedem fi kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Ħafna mid-dritt tal-Unjoni huwa implimentat fil-livell nazzjonali, u għalhekk id-drittijiet fundamentali tal-UE huma wkoll parti essenzjali mill-abbozzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni spiss iħalli lok għal diskrezzjoni nazzjonali fl-implimentazzjoni prattika tad-dritt tal-Unjoni u fl-għażla tal-miżuri, iżda din id-diskrezzjoni trid tintuża f'konformità mad-drittijiet fundamentali tal-UE.

In-nota tindirizza kwistjonijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni, l-interpretazzjoni, l-effetti legali u l-livell ta' protezzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-aġġornament ħa inkunsiderazzjoni l-aħħar ġurisprudenza u fitteż, b'mod partikolari, li jindirizza f'aktar dettall il-kwistjonijiet ewlenin tal-aspetti prattiċi tal-abbozzar leġiżlattiv. Dawn jinkludu l-kundizzjonijiet għar-restrizzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-UE u r-relazzjoni bejn il-Karta u drittijiet fundamentali u tal-bniedem oħrajn, bħal dawk inklużi fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni tal-Finlandja.

[Mistio EU:n perusoikeurkirjan soveltamisesta ja tuckinnasta\("Nota dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE"\)](#)  (978 Kb) 

### L-użu u l-promozzjoni tal-għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE


L-informazzjoni dwar ir-rapporti u l-għodod tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) hija pprovduta permezz tan-network tal-Gvern dwar id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem. Barra minn hekk, ir-rapport annwali dwar id-drittijiet fundamentali se jkun is-suġġett ta' stqarrija għall-istampa ministerjali biex jappoġġa l-komunikazzjoni liċ-ċittadini.

### Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jippromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

#### Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-akkademja li jikkontribwixxu għal għarfien u użu aħjar tal-Karta

Kors ta' abbozzar leġiżlattiv organizzat mill-Università ta' Tampere, inkluża taqsima dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, b'mod partikolari dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (organizzat fit-8 ta' Novembru 2018 u fis-26 ta' Novembru 2019 u li għandu jiġi organizzat fil-ħarifa 2020).

#### Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jippromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek

Tenfasizza l-importanza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tagħha:  [artiklu ppubblikat fil-gazzetta Turun Sanamat fil-11 ta' Diċembru 2019](#)

L-aħħar aġġornament: 23/02/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### L-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-Karta - Svezja

## L-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek

### Politiki tal-gvern li jippromwvu l-użu u l-għarfien tal-Karta fost il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura

Fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Gvern dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("l-istrateġija dwar id-drittijiet tal-bniedem", il-Komunikazzjoni tal-Gvern 2016/17:29), il-Gvern qies li kien hemm ħtieġa li tiġi evalwata l-applikazzjoni tal-Karta. Fl-2017, l-Università ta' Uppsala kienet inkarigata li timmappa l-applikazzjoni tal-Karta. Parti mill-inkarigu kien li tenfasizza f'liema kawżi l-Karta tiġi applikata mill-qrati u kif, inkluż billi tiġi kkompilata statistika dwar l-għadd ta' sentenzi fejn ikun hemm referenza għall-Karta. L-analiżi, li ġiet ippreżentata fil-31 ta' Diċembru 2017 u mwettqa f'konsultazzjoni mal-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati (*Domstolverket*), fors oħrajn, uriet li diversi qrati kienu applikaw il-Karta f'għadd ta' okkażjonijiet. Ġeneralment issir referenza għall-Karta meta l-kwistjoni tkun relatata mal-KEDB u/jew ma' dritt ieħor tal-UE. Xi artikoli ġew applikati b'mod aktar wiesa', jiġifieri l-prinċipju ta' *ne bis in idem* (l-Artikolu 50) u drittijiet proċedurali oħra.

B'rabta mal-istrateġija tal-Gvern dwar id-drittijiet tal-bniedem (ara hawn fuq), l-Università ta' Uppsala kienet inkarigata tħejji attivitajiet ta' żvilupp tal-ħiliet għall-impjegati tal-istat. L-università toffri programmi ta' taħriġ bla ħlas kemm online kif ukoll ospitati minn awtoritajiet individwali. Dawn jinkludu taħriġ dwar l-applikazzjoni tal-Karta.

L-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati tikkontribwixxi għall-għarfien tal-applikazzjoni tal-Karta fl-iżveġja permezz tal-bullettin dwar id-dritt tal-UE, li jinħareġ 10 darba fis-sena. L-għan ewleni tal-bullettin huwa li jenfasizza u juri l-importanza tad-dritt tal-UE permezz ta' monitoraġġ selettiv tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE mill-qrati Żvediżi. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ovvjament għandha rwol importanti fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Għalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taffettwa wkoll is-sustanza tad-drittijiet stabbiliti fil-Karta. F'dan il-kontest, il-bullettin dwar id-dritt tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-monitoraġġ tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huwa għalhekk strument importanti mfassal biex iqajjem kuxjenza, fost il-persunal ikkonċernat fil-qrati Żvediżi u l-pubbliku ġenerali, tad-dritt tal-UE u b'hekk dwar id-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta. Il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha perspettiva wiesgħa ħafna tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE u b'hekk ukoll tal-Karta jenfasizza aktar l-importanza ta' monitoraġġ kontinwu u gwida ġenerali fir-rigward ta' dawk id-deċiżjonijiet li, mill-perspettiva tal-qrati Żvediżi, huma l-aktar importanti/deċiżivi fil-qasam tad-dritt tal-UE. Dan peress li dan huwa qasam tal-liġi dinamiku u li qed jevolvi b'mod kostanti.



Il-lista ta' links legali dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-sit tal-intranet tal-qrati Żvediżi tipprovdi informazzjoni dwar il-korpi, l-istituzzjonijiet u d-dokumenti u l-atti legali rilevanti kollha fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. Billi tipprovdi din l-informazzjoni, l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati tiżgura li l-persunal tal-qrati Żvediżi jkollu aċċess adegwat u aġġornat kontinwament għal bażi tad-*data* li jkun fiha informazzjoni ewlenija dwar il-Karta kif ukoll leġiżlazzjoni rilevanti oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-Akkademja Ġudizzjarja (*Domstolsakademien*) kif ukoll l-Unità tat-Tagħlim (*Enheten för lärande*) huma responsabbli għall-iżvilupp tal-ħiliet għall-impjegati tal-Qrati Żvediżi. Dan jinkludi taħriġ relatat mal-attività ġudizzjarja ta' mħallfin maħtura, konsulenti tekniċi, skrivana relaturi, nutara, relaturi u avukati li jabbozzaw, kif ukoll taħriġ barra mill-attività ġudizzjarja. Il-korsijiet ta' taħriġ ikopru firxa wiesgħa ta' suġġetti bħal-liġi kriminali, il-liġi tal-familja, il-liġi proċedurali, il-liġi tal-art u dik ambjentali, il-liġi tat-taxxa, il-liġi tas-sigurtà soċjali, il-liġi dwar il-migrazzjoni u l-liġi proċedurali u l-liġi proċedurali amministrattiva. Barra minn hekk, jingħata taħriġ imfassal apposta għall-manigiers u l-amministraturi tal-qorti. Il-Karta hija indirizzata f'korsijiet ta' taħriġ kemm direttament (permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-Karta nnifisha) kif ukoll indirettament (minsuġa fit-taħriġ meta l-Karta u l-perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem huma rilevanti mas-suġġett tal-kors). Pereżempju, il-korsijiet għall-imħallfin futuri jinkludu rieżami tal-aspetti fundamentali tal-Karta u r-relazzjoni tagħha mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-artikoli, il-ġurisprudenza u l-kitba tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Il-parteċipanti jirċievu wkoll taħriġ dwar kif ifittxu fil-bażijiet tad-*data* tad-dritt tal-UE. Għall-imħallfin maħtura hemm, fost affarijiet oħra, kors ta' taħriġ online fid-dritt Ewropew li jindirizza l-Karta. Korsijiet f' suġġetti oħra, bħal-liġi kriminali u l-liġi proċedurali amministrattiva, inkludew ukoll referenzi għall-Karta. Il-Karta hija enfasizzata wkoll meta mħallfin maħtura u mħallfin li qed jitħarrġu jivvjaġġaw lejn l-Ewropa fuq żjarat ta' studju. Dawn il-vjaġġi jinkludu żjarat lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Karta hija inkluża f'għadd kbir ta' korsijiet offruti lil impjegati oħra tal-qorti u lill-kategoriji kollha tal-persunal. Eżempji jinkludu l-kors ta' induzzjoni għall-impjegati ġodda u korsijiet dwar kif wieħed jittratta lill-pubbliku, dwar il-midja, il-GDPR, l-użu tas-servizzi tal-interpreti u l-ugwaljanza kif ukoll il-pubbliċità u l-kunfidenzjalità.

#### **Għodod li jgħinu biex il-Karta u meta tapplika jinftehemu aħjar**

għall-prattikanti (il-leġiżlatur, l-amministrazzjoni, l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-ġuristi)  
għaċ-ċittadini

#### **L-użu u l-promozzjoni ta' għodod tal-Karta żviluppata minn pajjiżi oħrajn tal-UE jew minn partijiet ikkonċernati oħrajn fl-UE**

Il-manwal "Fundamental Rights Training for Border Guards" (Frontex, 2013), li jikkwota l-Karta bħala għodda biex jissaħħu r-rispett u l-kooperazzjoni reċiproċi, jintuża fit-taħriġ tal-Frontex għall-persunal tal-pulizija tal-fruntieri.

## **Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**

**Eżempji ta' kooperazzjoni bejn id-difensuri tad-drittijiet u l-awtoritajiet nazzjonali li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

—

#### **Eżempji ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u d-dinja akkademika li jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u użu aħjar tal-Karta**

Kif imsemmi hawn fuq, l-Università ta' Uppsala kienet inkarigata tfejji attivitajiet ta' żvilupp tal-ħiliet għall-impjegati tal-istat. Bħala parti minn dan l-inkarigu, l-università toffri taħriġ operazzjonali lill-awtoritajiet pubbliċi. L-università tiżviluppa dan it-taħriġ f'konsultazzjoni mill-qrib mal-awtorità rilevanti. Aktar informazzjoni dwar it-taħriġ offrut mill-Università ta' Uppsala tinsab fuq <https://mr-forum.se/>

#### **Eżempji ta' inizjattivi nongovernattivi li jipromwovu l-użu u l-għarfien tal-Karta f'pajjiżek**

—

L-aħħar aġġornament: 26/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.